Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] , huwa meħtieġ li jiġu speċifikati aktar il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw b'mod eċċezzjonali l-miżuri ta' natura ta' prekawzjoni preventiva li jikkwalifikaw bħala appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju. Sabiex jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw minn differenzi fin-natura tal-SGD fl-Unjoni, jenħtieġ li l-interventi tal-SGD fil-kuntest ta' miżuri preventivi li jikkonformaw mad-Direttiva 2014/49/UE li jikkwalifikaw bħala appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jkunu permessi b'mod eċċezzjonali meta l-istituzzjoni jew l-entità benefiċjarja ma ***ġietx iddikjarata*** bħala li qed tfalli jew li x'aktarx tfalli. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri ta' prekawzjoni jittieħdu kmieni biżżejjed. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bħalissa qed jibbaża l-kunsiderazzjoni tiegħu li istituzzjoni jew entità hija solventi, għall-finijiet ta' rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, fuq valutazzjoni li tħares 'il quddiem għat-12-il xahar ta' wara dwar jekk l-istituzzjoni jew l-entità tistax tikkonforma mar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jew fir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] , u mar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali stabbilit fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva (UE) 2019/2034. Jenħtieġ li dik il-prattika tiġi ***riveduta*** fid-Direttiva 2014/59/UE. Barra minn hekk, il-miżuri biex jiġi pprovdut salvataġġ għall-assi indeboliti, inklużi l-veikoli tal-immaniġġar tal-assi jew l-iskemi ta' garanzija tal-assi, jistgħu jkunu effettivi u effiċjenti fl-indirizzar tal-kawżi ta' distorsjonijiet finanzjarji possibbli li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet u l-entitajiet u fil-prevenzjoni tal-falliment tagħhom u, għalhekk, jistgħu jikkostitwixxu miżuri ta' prekawzjoni rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li tali miżuri ta' prekawzjoni jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri ta' assi

indeboliti.

indeboliti.

---

[31] Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

[32] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[33] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

[31] Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

[32] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[33] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 80
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiġi ***ppreservata*** d-dixxiplina tas-suq, jiġu protetti l-fondi pubbliċi u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jibqgħu l-eċċezzjoni u jiġu applikati biss biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' tfixkil serju fis-suq jew biex tiġi ***ppreservata*** l-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jintużawx miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi indirizzat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab. L-aktar strument affidabbli biex jiġi identifikat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab	(18) Sabiex tiġi ***ppreżervata*** d-dixxiplina tas-suq, jiġu protetti l-fondi pubbliċi u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jibqgħu l-eċċezzjoni u jiġu applikati biss biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' tfixkil serju fis-suq jew biex tiġi ***ppreżervata*** l-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jintużawx miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi indirizzat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab ***sakemm issir eċċezzjoni għar-rekwiżit tal-kondiviżjoni tal-piżijiet fil-qafas tal-***

huwa rieżami tal-kwalità tal-assi mill-BĊE, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34], jew mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw tali rieżami biex jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab meta tali rieżami jkun jista' jitwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Fejn dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab bl-aktar mod affidabbli possibbli fiċ-ċirkostanzi prevalenti, abbażi ta' spezzjonijiet fuq il-post, fejn xieraq.

għajnuna mill-Istat tal-Unjoni. L-aktar strument affidabbli biex jiġi identifikat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab huwa rieżami tal-kwalità tal-assi mill-BĊE, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34], jew mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw tali rieżami biex jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab meta tali rieżami jkun jista' jitwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Fejn dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab bl-aktar mod affidabbli possibbli fiċ-ċirkostanzi prevalenti, abbażi ta' spezzjonijiet fuq il-post, fejn xieraq.

[34] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)

[34] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)

Or. en

Emenda 81
Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiġi ***ppreservata*** d-dixxiplina tas-suq, jiġu protetti l-fondi pubbliċi u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jibqgħu l-eċċezzjoni u jiġu applikati biss biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' tfixkil serju	(18) Sabiex tiġi ***ppreżervata*** d-dixxiplina tas-suq, jiġu protetti l-fondi pubbliċi u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jibqgħu l-eċċezzjoni u jiġu applikati biss biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' tfixkil serju

fis-suq jew biex tiġi ***ppreservata*** l-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jintużawx miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi indirizzat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab. L-aktar strument affidabbli biex jiġi identifikat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab huwa rieżami tal-kwalità tal-assi mill-BĊE, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34], jew mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw tali rieżami biex jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab meta tali rieżami jkun jista' jitwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Fejn dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab bl-aktar mod affidabbli possibbli fiċ-ċirkostanzi prevalenti, abbażi ta' spezzjonijiet fuq il-post, fejn xieraq.	fis-suq jew biex tiġi ***ppreżervata*** l-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jintużawx miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi indirizzat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab ***sakemm il-qafas tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni jippermetti eċċezzjoni għar-rekwiżit tal-kondiviżjoni tal-piżijiet***. L-aktar strument affidabbli biex jiġi identifikat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab huwa rieżami tal-kwalità tal-assi mill-BĊE, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34], jew mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw tali rieżami biex jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab meta tali rieżami jkun jista' jitwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Fejn dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab bl-aktar mod affidabbli possibbli fiċ-ċirkostanzi prevalenti, abbażi ta' spezzjonijiet fuq il-post, fejn xieraq.
[34] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)	[34] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)
	Or. en

Emenda 82
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiġi ***ppreservata*** d-dixxiplina tas-suq, jiġu protetti l-fondi pubbliċi u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jibqgħu l-eċċezzjoni u jiġu applikati biss biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' tfixkil serju fis-suq jew biex tiġi ***ppreservata*** l-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jintużawx miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi indirizzat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab. L-aktar strument affidabbli biex jiġi identifikat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab huwa rieżami tal-kwalità tal-assi mill-BĊE, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34], jew mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw tali rieżami biex jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab meta tali rieżami jkun jista' jitwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Fejn dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab bl-aktar mod affidabbli possibbli fiċ-ċirkostanzi prevalenti, abbażi ta' spezzjonijiet fuq il-post, fejn xieraq.	(18) Sabiex tiġi ***ppreżervata*** d-dixxiplina tas-suq, jiġu protetti l-fondi pubbliċi u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jibqgħu l-eċċezzjoni u jiġu applikati biss biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' tfixkil serju fis-suq jew biex tiġi ***ppreżervata*** l-istabbiltà finanzjarja***, b'mod partikolari fil-każ ta' kriżi sistemika***. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jintużawx miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi indirizzat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab. L-aktar strument affidabbli biex jiġi identifikat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab huwa rieżami tal-kwalità tal-assi mill-BĊE, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34], jew mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw tali rieżami biex jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab meta tali rieżami jkun jista' jitwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Fejn dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab bl-aktar mod affidabbli possibbli fiċ-ċirkostanzi prevalenti, abbażi ta' spezzjonijiet fuq il-post, fejn xieraq.
[34] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)	[34] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)

Or. en

Emenda 83
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja għandha l-għan li tappoġġa l-istituzzjonijiet u l-entitajiet vijabbli identifikati bħala li x'aktarx jiltaqgħu ma' diffikultajiet temporanji fil-futur qrib u li tipprevjeni s-sitwazzjoni tagħhom milli tkompli tiddeterjora. Sabiex jiġi evitat li jingħataw sussidji pubbliċi lil negozji li diġà ma jagħmlux profitt meta jingħata l-appoġġ, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni mogħtija fil-forma ta' akkwist ta' strumenti ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn, jew permezz ta' miżuri ta' assi indeboliti, ma jaqbżux l-ammont meħtieġ biex jiġu koperti d-defiċits ta' kapital kif identifikati fix-xenarju avvers ta' test tal-istress jew eżerċizzju ekwivalenti. Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku fl-aħħar mill-aħħar jitwaqqaf, jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' prekawzjoni jkunu wkoll limitati fiż-żmien u jkun fihom skeda ta' żmien ċara għat-terminazzjoni tagħhom (strateġija ta' ħruġ). ***L-istrumenti perpetwi, inklużi l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jenħtieġ li jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u jkunu soġġetti għal ċerti limiti kwantitattivi minħabba li min-natura tagħhom ma humiex adattati sew għall-konformità mal-kundizzjoni ta' temporanjetà.***	(19) Ir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja għandha l-għan li tappoġġa l-istituzzjonijiet u l-entitajiet vijabbli identifikati bħala li x'aktarx jiltaqgħu ma' diffikultajiet temporanji fil-futur qrib u li tipprevjeni s-sitwazzjoni tagħhom milli tkompli tiddeterjora. Sabiex jiġi evitat li jingħataw sussidji pubbliċi lil negozji li diġà ma jagħmlux profitt meta jingħata l-appoġġ, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni mogħtija fil-forma ta' akkwist ta' strumenti ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn, jew permezz ta' miżuri ta' assi indeboliti, ma jaqbżux l-ammont meħtieġ biex jiġu koperti d-defiċits ta' kapital kif identifikati fix-xenarju avvers ta' test tal-istress jew eżerċizzju ekwivalenti. Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku fl-aħħar mill-aħħar jitwaqqaf, jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' prekawzjoni jkunu wkoll limitati fiż-żmien u jkun fihom skeda ta' żmien ċara għat-terminazzjoni tagħhom (strateġija ta' ħruġ).

Or. en

Emenda 84
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja għandha l-għan li tappoġġa l-istituzzjonijiet u l-entitajiet vijabbli identifikati bħala li x'aktarx jiltaqgħu ma' diffikultajiet temporanji fil-futur qrib u li tipprevjeni s-sitwazzjoni tagħhom milli tkompli tiddeterjora. Sabiex jiġi evitat li jingħataw sussidji pubbliċi lil negozji li diġà ma jagħmlux profitt meta jingħata l-appoġġ, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni mogħtija fil-forma ta' akkwist ta' strumenti ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn, jew permezz ta' miżuri ta' assi indeboliti, ma jaqbżux l-ammont meħtieġ biex jiġu koperti d-defiċits ta' kapital kif identifikati fix-xenarju avvers ta' test tal-istress jew eżerċizzju ekwivalenti. Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku fl-aħħar mill-aħħar jitwaqqaf, jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' prekawzjoni jkunu wkoll limitati fiż-żmien u jkun fihom skeda ta' żmien ċara għat-terminazzjoni tagħhom (strateġija ta' ħruġ). L-istrumenti perpetwi, inkluż il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jenħtieġ li jintużaw biss ***f'ċirkostanzi eċċezzjonali u jkunu soġġetti għal ċerti limiti kwantitattivi minħabba li min-natura tagħhom ma humiex adattati sew għall-konformità mal-kundizzjoni ta' temporanjetà***.	(19) Ir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja għandha l-għan li tappoġġa l-istituzzjonijiet u l-entitajiet vijabbli identifikati bħala li x'aktarx jiltaqgħu ma' diffikultajiet temporanji fil-futur qrib u li tipprevjeni s-sitwazzjoni tagħhom milli tkompli tiddeterjora. Sabiex jiġi evitat li jingħataw sussidji pubbliċi lil negozji li diġà ma jagħmlux profitt meta jingħata l-appoġġ, jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni mogħtija fil-forma ta' akkwist ta' strumenti ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn, jew permezz ta' miżuri ta' assi indeboliti, ma jaqbżux l-ammont meħtieġ biex jiġu koperti d-defiċits ta' kapital kif identifikati fix-xenarju avvers ta' test tal-istress jew eżerċizzju ekwivalenti. Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku fl-aħħar mill-aħħar jitwaqqaf, jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' prekawzjoni jkunu wkoll limitati fiż-żmien u jkun fihom skeda ta' żmien ċara għat-terminazzjoni tagħhom (strateġija ta' ħruġ). L-istrumenti perpetwi, inkluż il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jenħtieġ li jintużaw biss ***meta jkun strettament meħtieġ***.

Or. en

Emenda 85
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jkunu limitati għall-ammont li l-istituzzjoni jew l-entità jkollha bżonn biex iżżomm is-	(20) Jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jkunu limitati għall-ammont li l-istituzzjoni jew l-entità jkollha bżonn biex iżżomm is-

solvenza tagħha fil-każ ta' avveniment ta' xenarju avvers kif iddeterminat f'test tal-istress jew f'eżerċizzju ekwivalenti. Fil-każ ta' miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, jenħtieġ li l-istituzzjoni jew l-entità riċeventi tkun tista' tuża dak l-ammont biex tkopri t-telf fuq l-assi ttrasferiti jew flimkien ma' akkwiżizzjoni ta' strumenti kapitali, sakemm ma jinqabiżx l-ammont globali tad-defiċit identifikat. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li tali miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti jikkonformaw mar-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat u mal-aħjar prattiki, li jreġġgħu lura l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità, li l-għajnuna mill-Istat tkun limitata għall-minimu meħtieġ u li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li, f'każ ta' miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, l-awtoritajiet ikkonċernati jqisu l-gwida speċifika, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni għall-KMA[35] u l-Komunikazzjoni dwar l-Indirizzar ta' Self Improduttiv[36] . Jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti dejjem ikunu soġġetti għall-kundizzjoni prevalenti ta' temporanjetà. Il-garanziji pubbliċi mogħtija għal perjodu speċifikat b'rabta mal-assi indeboliti tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata huma mistennija li jiżguraw konformità aħjar mal-kundizzjoni ta' temporanjetà mit-trasferimenti ta' tali assi lil entità appoġġata pubblikament. ***Sabiex jiġi żgurat il-ħruġ mis-suq ta' istituzzjonijiet u entitajiet li jirriżultaw li ma jkunux vijabbli, minkejja l-appoġġ riċevut, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li n-nuqqas ta' konformità mill-istituzzjoni jew mill-entità kkonċernata mat-termini tal-miżuri ta' appoġġ speċifikati fiż-żmien meta jkunu ngħataw tali miżuri għandu jwassal biex l-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata titqies li qed tfalli jew li x'aktarx tfalli.***

solvenza tagħha fil-każ ta' avveniment ta' xenarju avvers kif iddeterminat f'test tal-istress jew f'eżerċizzju ekwivalenti. Fil-każ ta' miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, jenħtieġ li l-istituzzjoni jew l-entità riċeventi tkun tista' tuża dak l-ammont biex tkopri t-telf fuq l-assi ttrasferiti jew flimkien ma' akkwiżizzjoni ta' strumenti kapitali, sakemm ma jinqabiżx l-ammont globali tad-defiċit identifikat. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li tali miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti jikkonformaw mar-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat u mal-aħjar prattiki, li jreġġgħu lura l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità, li l-għajnuna mill-Istat tkun limitata għall-minimu meħtieġ u li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li, f'każ ta' miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, l-awtoritajiet ikkonċernati jqisu l-gwida speċifika, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni għall-KMA[35] u l-Komunikazzjoni dwar l-Indirizzar ta' Self Improduttiv[36] . Jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti dejjem ikunu soġġetti għall-kundizzjoni prevalenti ta' temporanjetà. Il-garanziji pubbliċi mogħtija għal perjodu speċifikat b'rabta mal-assi indeboliti tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata huma mistennija li jiżguraw konformità aħjar mal-kundizzjoni ta' temporanjetà mit-trasferimenti ta' tali assi lil entità appoġġata pubblikament.

[35] COM(2018) 133 final.

[36] COM(2020) 822 final.

[35] COM(2018) 133 final.

[36] COM(2020) 822 final.

Or. en

Emenda 86
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jkunu limitati għall-ammont li l-istituzzjoni jew l-entità jkollha bżonn biex iżżomm is-solvenza tagħha fil-każ ta' avveniment ta' xenarju avvers kif iddeterminat f'test tal-istress jew f'eżerċizzju ekwivalenti. Fil-każ ta' miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, jenħtieġ li l-istituzzjoni jew l-entità riċeventi tkun tista' tuża dak l-ammont biex tkopri t-telf fuq l-assi ttrasferiti jew flimkien ma' akkwiżizzjoni ta' strumenti kapitali, sakemm ma jinqabiżx l-ammont globali tad-defiċit identifikat. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li tali miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti jikkonformaw mar-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat u mal-aħjar prattiki, li jreġġgħu lura l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità, li l-għajnuna mill-Istat tkun limitata għall-minimu meħtieġ u li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li, f'każ ta' miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, l-awtoritajiet ikkonċernati jqisu l-gwida speċifika, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni għall-KMA[35] u l-Komunikazzjoni dwar l-Indirizzar ta' Self Improduttiv[36] . Jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti dejjem ikunu soġġetti għall-kundizzjoni prevalenti ta' temporanjetà. Il-garanziji pubbliċi	(20) Jenħtieġ li l-miżuri ta' prekawzjoni jkunu limitati għall-ammont li l-istituzzjoni jew l-entità jkollha bżonn biex iżżomm is-solvenza tagħha fil-każ ta' avveniment ta' xenarju avvers kif iddeterminat f'test tal-istress jew f'eżerċizzju ekwivalenti. Fil-każ ta' miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, jenħtieġ li l-istituzzjoni jew l-entità riċeventi tkun tista' tuża dak l-ammont biex tkopri t-telf fuq l-assi ttrasferiti jew flimkien ma' akkwiżizzjoni ta' strumenti kapitali, sakemm ma jinqabiżx l-ammont globali tad-defiċit identifikat. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li tali miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti jikkonformaw mar-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat u mal-aħjar prattiki, li jreġġgħu lura l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità, li l-għajnuna mill-Istat tkun limitata għall-minimu meħtieġ u li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li, f'każ ta' miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, l-awtoritajiet ikkonċernati jqisu l-gwida speċifika, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni għall-KMA[35] u l-Komunikazzjoni dwar l-Indirizzar ta' Self Improduttiv[36] . Jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti dejjem ikunu soġġetti għall-kundizzjoni prevalenti ta' temporanjetà. Il-garanziji pubbliċi

mogħtija għal perjodu speċifikat b'rabta mal-assi indeboliti tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata huma mistennija li jiżguraw konformità aħjar mal-kundizzjoni ta' temporanjetà mit-trasferimenti ta' tali assi lil entità appoġġata pubblikament. Sabiex jiġi żgurat ***il-ħruġ mis-suq ta'*** istituzzjonijiet ***u entitajiet li jirriżultaw li ma jkunux vijabbli, minkejja l-appoġġ riċevut, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li n-nuqqas ta' konformità mill-istituzzjoni jew mill-entità kkonċernata mat-termini tal-miżuri ta' appoġġ speċifikati fiż-żmien meta jkunu ngħataw tali miżuri għandu jwassal biex l-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata titqies li*** qed tfalli jew ***li*** x'aktarx tfalli.	mogħtija għal perjodu speċifikat b'rabta mal-assi indeboliti tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata huma mistennija li jiżguraw konformità aħjar mal-kundizzjoni ta' temporanjetà mit-trasferimenti ta' tali assi lil entità appoġġata pubblikament. Sabiex jiġi żgurat ***li l-istituzzjonijiet li jirċievu appoġġ jikkonformaw mat-termini tal-miżura ta' appoġġ, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jitolbu pjan ta' rimedju minn*** istituzzjonijiet ***li naqsu milli jwettqu l-impenji tagħhom. Meta awtorità kompetenti hija tal-opinjoni li l-miżuri fil-pjan ta' rimedju ma humiex kapaċi jiksbu l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew meta l-istituzzjoni naqset milli tikkonforma mal-pjan ta' rimedju, l-awtoritajiet rilevanti għandhom iwettqu valutazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni hix*** qed tfalli jew x'aktarx tfalli***, f'konformità mal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE***.
[35] COM(2018) 133 final.	[35] COM(2018) 133 final.
[36] COM(2020) 822 final.	[36] COM(2020) 822 final.

Or. en

Emenda 87
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) F'ċerti ċirkostanzi, wara li l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jkun ipprovda kontribuzzjoni sa massimu ta' 5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tal-entità, inklużi l-fondi proprji, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jużaw sorsi addizzjonali ta' finanzjament biex jappoġġaw aktar l-azzjoni ta' riżoluzzjoni	***imħassar***

tagħhom. Jenħtieġ li jiġi speċifikat b'mod aktar ċar f'liema ċirkostanzi l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jista' jipprovdi appoġġ ulterjuri meta l-obbligazzjonijiet kollha bi klassifikazzjoni ta' prijorità aktar baxxa mid-depożiti li ma humiex eskluż b'mod obbligatorju jew diskrezzjonali mir-rikapitalizzazzjoni interna jkunu ġew valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti bis-sħiħ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rieżami ta' dan il-punt ma huwiex meħtieġ.

Emenda 88
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) F'ċerti ċirkostanzi, wara li l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jkun ipprovda kontribuzzjoni sa massimu ta' 5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tal-entità, inklużi l-fondi proprji, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jużaw sorsi addizzjonali ta' finanzjament biex jappoġġaw aktar l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tagħhom. ***Jenħtieġ li jiġi speċifikat b'mod aktar ċar f'liema ċirkostanzi l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jista' jipprovdi appoġġ ulterjuri meta l-obbligazzjonijiet kollha bi klassifikazzjoni ta' prijorità aktar baxxa mid-depożiti li ma humiex eskluż b'mod obbligatorju jew diskrezzjonali mir-rikapitalizzazzjoni interna jkunu ġew valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti bis-sħiħ.***	(26) F'ċerti ċirkostanzi, wara li l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jkun ipprovda kontribuzzjoni sa massimu ta' 5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tal-entità, inklużi l-fondi proprji, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jużaw sorsi addizzjonali ta' finanzjament biex jappoġġaw aktar l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 89
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Ir-regoli għad-determinazzjoni tal-MREL huma ffokati l-aktar fuq l-iffissar tal-livell xieraq tal-MREL bis-suppożizzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna bħala l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta. Madankollu, id-Direttiva 2014/59/UE tippermetti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jużaw għodod ta' riżoluzzjoni oħrajn, jiġifieri dawk li jiddependu fuq it-trasferiment tan-negozju tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li, f'każ li l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi l-użu tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tal-entità ta' riżoluzzjoni mis-suq, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jiddeterminaw il-livell tal-MREL għall-entità ta' riżoluzzjoni kkonċernata abbażi tal-ispeċifiċitajiet ta' dawk l-għodod ta' riżoluzzjoni u tal-ħtiġijiet differenti ta' assorbiment tat-telf u rikapitalizzazzjoni li jinvolvu dawk l-għodod.	(28) Ir-regoli għad-determinazzjoni tal-MREL huma ffokati l-aktar fuq l-iffissar tal-livell xieraq tal-MREL bis-suppożizzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna bħala l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta. Madankollu, id-Direttiva 2014/59/UE tippermetti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jużaw għodod ta' riżoluzzjoni oħrajn, jiġifieri dawk li jiddependu fuq it-trasferiment tan-negozju tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja***, bħala għodda awtonoma jew flimkien ma' għodod oħra inkluż ir-rikapitalizzazzjoni interna***. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li, f'każ li l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi l-użu ***ta' għodda kkombinata, jew*** tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tal-entità ta' riżoluzzjoni mis-suq, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***dejjem*** jiddeterminaw il-livell tal-MREL għall-entità ta' riżoluzzjoni kkonċernata abbażi tal-ispeċifiċitajiet ta' dawk l-għodod ta' riżoluzzjoni u tal-ħtiġijiet differenti ta' assorbiment tat-telf u rikapitalizzazzjoni li jinvolvu dawk l-għodod***, filwaqt li jqisu t-tnaqqis fid-daqs u l-kumplessità li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-għażliet ta' rkupru fit-tħejjija għar-riżoluzzjoni u għall-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' aġġustament tal-mira tal-MREL għall-ispeċifiċitajiet tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta jeħtieġ li jiġi implimentat b'mod orizzontali għall-għodod u għall-kombinazzjonijiet ta' għodod kollha.

Emenda 90
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(29) Il-livell tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni huwa s-somma tal-ammont tat-telf mistenni f'riżoluzzjoni u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermettu lill-entità ta' ***riżoluzzjoni*** tkompli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tagħha għall-awtorizzazzjoni u li jippermettulha ssegwi l-attivitajiet tagħha għall-perjodu xieraq. Ċerti strateġiji ta' riżoluzzjoni ppreferuti jinvolvu t-trasferiment ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet lil riċevitur u l-ħruġ mis-suq, b'mod partikolari l-għodda tal-bejgħ ta' negozju. F'dawk il-każijiet, jista' jkun li l-objettivi segwiti mill-komponent tar-rikapitalizzazzjoni ma japplikawx bl-istess mod, minħabba li l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx meħtieġa tiżgura li l-entità ta' riżoluzzjoni treġġa' lura l-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha wara azzjoni ta' riżoluzzjoni. Madankollu, it-telf f'każijiet bħal dawn huwa mistenni li jaqbeż ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-entità ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-livell tal-MREL ta' dawk l-entitajiet ta' riżoluzzjoni jkompli jinkludi ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jiġi aġġustat b'mod li jkun proporzjonat għall-istrateġija ta' riżoluzzjoni.	(29) Il-livell tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni huwa s-somma tal-ammont tat-telf mistenni f'riżoluzzjoni u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermettu lill-entità ta' ***wara r-riżoluzzjoni*** tkompli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tagħha għall-awtorizzazzjoni u li jippermettulha ssegwi l-attivitajiet tagħha għall-perjodu xieraq. Ċerti strateġiji ta' riżoluzzjoni ppreferuti jinvolvu t-trasferiment ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet lil riċevitur u l-ħruġ mis-suq, b'mod partikolari l-għodda tal-bejgħ ta' negozju. F'dawk il-każijiet, jista' jkun li l-objettivi segwiti mill-komponent tar-rikapitalizzazzjoni ma japplikawx bl-istess mod, minħabba li l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx meħtieġa tiżgura li l-entità ta' riżoluzzjoni treġġa' lura l-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha wara azzjoni ta' riżoluzzjoni***, għalkemm l-akkwirent jista' jitlob biex it-tranżazzjoni tkun newtrali fil-kapital***. Madankollu, it-telf f'każijiet bħal dawn huwa mistenni li jaqbeż ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-entità ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-livell tal-MREL ta' dawk l-entitajiet ta' riżoluzzjoni jkompli jinkludi ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jiġi aġġustat b'mod li jkun proporzjonat għall-istrateġija ta' riżoluzzjoni***, u soġġett għal livell minimu xieraq***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aġġustament tal-mira tal-MREL għall-għodda ta' trasferiment bi ħruġ mis-suq jeħtieġ li jkun prudenti u robust biżżejjed.

Emenda 91
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-livell tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni huwa s-somma tal-ammont tat-telf mistenni f'riżoluzzjoni u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermettu lill-entità ta' riżoluzzjoni tkompli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tagħha għall-awtorizzazzjoni u li jippermettulha ssegwi l-attivitajiet tagħha għall-perjodu xieraq. Ċerti strateġiji ta' riżoluzzjoni ppreferuti jinvolvu t-trasferiment ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet lil riċevitur u l-ħruġ mis-suq, b'mod partikolari l-għodda tal-bejgħ ta' negozju. F'dawk il-każijiet, jista' jkun li l-objettivi segwiti mill-komponent tar-rikapitalizzazzjoni ma japplikawx bl-istess mod, minħabba li l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx meħtieġa tiżgura li l-entità ta' riżoluzzjoni treġġa' lura l-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha wara azzjoni ta' riżoluzzjoni. ***Madankollu, it-telf f'każijiet bħal dawn huwa mistenni li jaqbeż ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-entità ta' riżoluzzjoni.*** Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-livell tal-MREL ta' dawk l-entitajiet ta' riżoluzzjoni jkompli jinkludi ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jiġi aġġustat b'mod li jkun proporzjonat għall-istrateġija ta' riżoluzzjoni.	(29) Il-livell tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni huwa s-somma tal-ammont tat-telf mistenni f'riżoluzzjoni u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermettu lill-entità ta' riżoluzzjoni tkompli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tagħha għall-awtorizzazzjoni u li jippermettulha ssegwi l-attivitajiet tagħha għall-perjodu xieraq. Ċerti strateġiji ta' riżoluzzjoni ppreferuti jinvolvu t-trasferiment ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet lil riċevitur u l-ħruġ mis-suq, b'mod partikolari l-għodda tal-bejgħ ta' negozju. F'dawk il-każijiet, jista' jkun li l-objettivi segwiti mill-komponent tar-rikapitalizzazzjoni ma japplikawx bl-istess mod, minħabba li l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx meħtieġa tiżgura li l-entità ta' riżoluzzjoni treġġa' lura l-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha wara azzjoni ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-livell tal-MREL ta' dawk l-entitajiet ta' riżoluzzjoni jkompli jinkludi ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jiġi aġġustat b'mod li jkun proporzjonat għall-istrateġija ta' riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 92
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-livell tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni huwa s-somma tal-ammont tat-telf mistenni f'riżoluzzjoni u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermettu lill-entità ta' riżoluzzjoni tkompli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tagħha għall-awtorizzazzjoni u li jippermettulha ssegwi l-attivitajiet tagħha għall-perjodu xieraq. Ċerti strateġiji ta' riżoluzzjoni ppreferuti jinvolvu t-trasferiment ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet lil riċevitur u l-ħruġ missuq, b'mod partikolari l-għodda tal-bejgħ ta' negozju. F'dawk il-każijiet, jista' jkun li l-objettivi segwiti mill-komponent tar-rikapitalizzazzjoni ma japplikawx bl-istess mod, minħabba li l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx meħtieġa tiżgura li l-entità ta' riżoluzzjoni treġġa' lura l-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha wara azzjoni ta' riżoluzzjoni. Madankollu, it-telf f'każijiet bħal dawn huwa mistenni li jaqbeż ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-entità ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-livell tal-MREL ta' dawk l-entitajiet ta' riżoluzzjoni jkompli jinkludi ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jiġi aġġustat b'mod li jkun ***proporzjonat għall-istrateġija*** ta' riżoluzzjoni.	(29) Il-livell tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni huwa s-somma tal-ammont tat-telf mistenni f'riżoluzzjoni u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermettu lill-entità ta' riżoluzzjoni tkompli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tagħha għall-awtorizzazzjoni u li jippermettulha ssegwi l-attivitajiet tagħha għall-perjodu xieraq. Ċerti strateġiji ta' riżoluzzjoni ppreferuti jinvolvu t-trasferiment ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet lil riċevitur u l-ħruġ missuq, b'mod partikolari l-għodda tal-bejgħ ta' negozju. F'dawk il-każijiet, jista' jkun li l-objettivi segwiti mill-komponent tar-rikapitalizzazzjoni ma japplikawx bl-istess mod, minħabba li l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx meħtieġa tiżgura li l-entità ta' riżoluzzjoni treġġa' lura l-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha wara azzjoni ta' riżoluzzjoni. Madankollu, it-telf f'każijiet bħal dawn huwa mistenni li jaqbeż ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-entità ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-livell tal-MREL ta' dawk l-entitajiet ta' riżoluzzjoni jkompli jinkludi ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jiġi aġġustat b'mod li jkun ***jappoġġa l-istrateġija*** ta' riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 93
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Meta l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tipprevedi l-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni għajr rikapitalizzazzjoni interna, il-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni tal-entità kkonċernata ġeneralment ikunu iżgħar wara r-riżoluzzjoni milli fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni interna bil-bank miftuħ. Jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tal-MREL f'każ bħal dan tqis dak l-aspett meta jiġi stmat ir-rekwiżit ta' rikapitalizzazzjoni. Għalhekk, meta jaġġustaw il-livell tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni li l-pjan ta' riżoluzzjoni tagħhom jipprevedi l-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew l-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jqisu l-karatteristiċi ta' dawk l-għodod, inkluż il-perimetru mistenni tat-trasferiment lix-xerrej privat jew lill-istituzzjoni tranżitorja, it-tipi ta' strumenti li għandhom jiġu ttrasferiti, il-valur u l-kummerċjabbiltà mistennija ta' dawk l-istrumenti u t-tfassil tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta, inkluż l-użu komplementari tal-għodda tas-separazzjoni tal-assi. ***Billi l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ dwar kwalunkwe użu possibbli fir-riżoluzzjoni ta' fondi minn SGD u billi tali deċiżjoni ma tistax tiġi preżunta b'ċertezza ex ante, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma jqisux il-kontribuzzjoni potenzjali tal-SGD f'riżoluzzjoni meta jikkalibraw il-livell tal-MREL.***	(30) Meta l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tipprevedi l-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni għajr rikapitalizzazzjoni interna, il-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni tal-entità kkonċernata ġeneralment ikunu iżgħar wara r-riżoluzzjoni milli fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni interna bil-bank miftuħ. Jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tal-MREL f'każ bħal dan tqis dak l-aspett meta jiġi stmat ir-rekwiżit ta' rikapitalizzazzjoni. Għalhekk, meta jaġġustaw il-livell tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni li l-pjan ta' riżoluzzjoni tagħhom jipprevedi l-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew l-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jqisu l-karatteristiċi ta' dawk l-għodod, inkluż il-perimetru mistenni tat-trasferiment lix-xerrej privat jew lill-istituzzjoni tranżitorja, it-tipi ta' strumenti li għandhom jiġu ttrasferiti, il-valur u l-kummerċjabbiltà mistennija ta' dawk l-istrumenti u t-tfassil tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta, inkluż l-użu komplementari tal-għodda tas-separazzjoni tal-assi.

Or. en

Emenda 94
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Meta l-istrateġija ta’ riżoluzzjoni tipprevedi l-użu ta’ għodod ta’ riżoluzzjoni għajr rikapitalizzazzjoni interna, il-ħtiġijiet ta’ rikapitalizzazzjoni tal-entità kkonċernata ġeneralment ikunu iżgħar wara r-riżoluzzjoni milli fil-każ ta’ rikapitalizzazzjoni interna bil-bank miftuħ. Jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tal-MREL f’każ bħal dan tqis dak l-aspett meta jiġi stmat ir-rekwiżit ta’ rikapitalizzazzjoni. Għalhekk, meta jaġġustaw il-livell tal-MREL ***għall-entitajiet*** ta’ riżoluzzjoni ***li l-pjan ta’ riżoluzzjoni tagħhom jipprevedi l-għodda tal-bejgħ ta’ negozju jew l-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq***, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni jqisu l-karatteristiċi ta’ dawk l-għodod, inkluż il-perimetru mistenni tat-trasferiment lix-xerrej privat jew lill-istituzzjoni tranżitorja, it-tipi ta’ strumenti li għandhom jiġu ttrasferiti, il-valur u l-kummerċjabbiltà mistennija ta’ dawk l-istrumenti u t-tfassil tal-istrateġija ta’ riżoluzzjoni ppreferuta, inkluż l-użu komplementari tal-għodda tas-separazzjoni tal-assi. Billi l-awtorità ta’ riżoluzzjoni għandha tiddeċiedi fuq bażi ta’ każ b’każ dwar kwalunkwe użu possibbli fir-riżoluzzjoni ta’ fondi minn SGD u billi tali deċiżjoni ma tistax tiġi preżunta b’ċertezza ex ante, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ma jqisux il-kontribuzzjoni potenzjali tal-SGD f’riżoluzzjoni meta jikkalibraw il-livell tal-MREL.	(30) Meta l-istrateġija ta’ riżoluzzjoni tipprevedi l-użu ta’ għodod ta’ riżoluzzjoni għajr ***rikapitalizzazzjoni interna jew flimkien ma’*** rikapitalizzazzjoni interna, il-ħtiġijiet ta’ rikapitalizzazzjoni tal-entità kkonċernata ġeneralment ikunu iżgħar wara r-riżoluzzjoni milli fil-każ ta’ ***strateġija unika ta’*** rikapitalizzazzjoni interna bil-bank miftuħ. Jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tal-MREL f’każ bħal dan tqis dak l-aspett meta jiġi stmat ir-rekwiżit ta’ rikapitalizzazzjoni. Għalhekk, meta jaġġustaw il-livell tal-MREL ***għal entitajiet*** ta’ riżoluzzjoni ***bħal dawn***, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni jqisu l-karatteristiċi ta’ dawk l-għodod, inkluż il-perimetru mistenni tat-trasferiment lix-xerrej privat jew lill-istituzzjoni tranżitorja, it-tipi ta’ strumenti li għandhom jiġu ttrasferiti, il-valur u l-kummerċjabbiltà mistennija ta’ dawk l-istrumenti u t-tfassil tal-istrateġija ta’ riżoluzzjoni ppreferuta, inkluż l-użu komplementari tal-għodda tas-separazzjoni tal-assi ***jew ta’ kwalunkwe għodda oħra***. ***Fil-każ ta’ għodda ta’ trasferiment bi ħruġ mis-suq,*** billi l-awtorità ta’ riżoluzzjoni għandha tiddeċiedi fuq bażi ta’ każ b’każ dwar kwalunkwe użu possibbli fir-riżoluzzjoni ta’ fondi minn SGD u billi tali deċiżjoni ma tistax tiġi preżunta b’ċertezza ex ante, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ma jqisux il-kontribuzzjoni potenzjali tal-SGD f’riżoluzzjoni meta jikkalibraw il-livell tal-MREL.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta’ aġġustament tal-mira tal-MREL għall-ispeċifiċitajiet tal-istrateġija ta’ riżoluzzjoni ppreferuta jeħtieġ li jiġi implimentat b’mod orizzontali għall-għodod u għall-kombinazzjonijiet ta’ għodod kollha.

Emenda 95
Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati inċentivi ugwali biex jinbnew ammonti suffiċjenti ta' MREL għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet li jkunu soġġetti għal strateġiji ta' trasferiment kemm fir-riżoluzzjoni kif ukoll barra minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-iffissar tal-livell tal-MREL għal istituzzjonijiet jew entitajiet li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri fil-kuntest ta' proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE jsegwi l-istess regoli bħal dawk applikabbli għall-iffissar tal-MREL għal entitajiet ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħhom tipprevedi l-bejgħ ta' negozju jew it-trasferiment lil istituzzjoni tranżitorja li jwassal għall-ħruġ tagħha mis-suq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 96
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati inċentivi ugwali biex jinbnew ammonti suffiċjenti ta' MREL għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet li jkunu soġġetti għal strateġiji ta' trasferiment kemm fir-riżoluzzjoni kif ukoll barra minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-iffissar tal-livell tal-MREL għal istituzzjonijiet jew entitajiet li jistgħu jkunu soġġetti għal	***imħassar***

miżuri fil-kuntest ta' proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE jsegwi l-istess regoli bħal dawk applikabbli għall-iffissar tal-MREL għal entitajiet ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħhom tipprevedi l-bejgħ ta' negozju jew it-trasferiment lil istituzzjoni tranżitorja li jwassal għall-ħruġ tagħha mis-suq.

Or. en

Emenda 97
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati inċentivi ugwali biex jinbnew ammonti suffiċjenti ta' MREL għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet li jkunu soġġetti għal strateġiji ta' trasferiment kemm fir-riżoluzzjoni kif ukoll barra minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-iffissar tal-livell tal-MREL għal istituzzjonijiet jew entitajiet li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri fil-kuntest ta' proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE jsegwi l-istess regoli bħal dawk applikabbli għall-iffissar tal-MREL għal entitajiet ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħhom tipprevedi l-bejgħ ta' negozju jew it-trasferiment lil istituzzjoni tranżitorja li jwassal għall-ħruġ tagħha mis-suq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 98
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Huwa meħtieġ li jiġu ***żgurati*** inċentivi ***ugwali*** biex ***jinbnew ammonti suffiċjenti ta'*** MREL għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet li jkunu soġġetti għal strateġiji ta' trasferiment kemm fir-riżoluzzjoni kif ukoll barra minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-iffissar tal-livell tal-MREL għal istituzzjonijiet jew entitajiet li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri fil-kuntest ta' proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE jsegwi ***l-istess*** regoli ***bħal*** dawk applikabbli għall-iffissar tal-MREL għal entitajiet ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħhom tipprevedi l-bejgħ ta' negozju jew it-trasferiment lil istituzzjoni tranżitorja li jwassal għall-ħruġ tagħha mis-suq.	(31) Huwa meħtieġ li jiġu ***stabbiliti*** inċentivi biex ***jinbena*** MREL għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet li jkunu soġġetti għal strateġiji ta' trasferiment kemm fir-riżoluzzjoni kif ukoll barra minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-iffissar tal-livell tal-MREL għal istituzzjonijiet jew entitajiet li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri fil-kuntest ta' proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE jsegwi regoli ***li huma proporzjonati ma'*** dawk applikabbli għall-iffissar tal-MREL għal entitajiet ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħhom tipprevedi l-bejgħ ta' negozju jew it-trasferiment lil istituzzjoni tranżitorja li jwassal għall-ħruġ tagħha mis-suq.

Or. en

Emenda 99
René Repasi, Ernest Urtasun, Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Minkejja r-regoli attwali ta' segretezza applikabbli, jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet tat-taxxa jittejjeb. Jenħtieġ li tali skambji jkunu konformi mal-liġi nazzjonali, u, fejn l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li tiġi żvelata biss bil-qbil espliċitu tal-awtorità rilevanti li tkun żvelatha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed amendment wants to improve the exchange of information between resolution and tax authorities. Currently, the BRRD does not provide for a solid legal basis for this exchange of information. Against the background of experiences with fraudulent and illegal tax evading capital markets transactions (e.g. cum-ex or cum-cum schemes), it is necessary to improve the close cooperation of tax authorities with financial supervisory authorities and resolution authorities. The suggested amendment reflect the wording of recent amendments to the CRD and AIFMD which should also be included in the BRRD for reasons of consistency across the financial sector.

Emenda 100
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 102(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, ***il-mezzi finanzjarji disponibbli rispettivi tagħhom jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis żgħir taħt il-livell fil-mira tagħhom, li jirriżulta b'mod partikolari minn żieda fid-depożiti koperti. B'hekk, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet ex ante li x'aktarx jiġu eżerċitati f'dawk iċ-ċirkostanzi x'aktarx li jkun żgħir. Għalhekk, jista' jkun possibbli li, f'xi snin, l-ammont ta' tali kontribuzzjonijiet ex ante ma jibqax proporzjonat mal-kost tal-ġbir ta' dawk il-kontribuzzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiddifferixxu l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ex ante għal sena (1) jew aktar sakemm l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat mal-kost tal-proċess tal-ġbir, diment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jużaw arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni***.	(34) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 102(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, ***il-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ex-ante jintemm ladarba jintlaħaq il-livell fil-mira ta' 1 % ta' depożiti koperti***.

Or. en

Emenda 101
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 102(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, ***il-mezzi finanzjarji disponibbli rispettivi tagħhom jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis żgħir taħt il-livell*** fil-mira ***tagħhom, li jirriżulta b'mod partikolari minn żieda fid-depożiti*** koperti. ***B'hekk, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet ex ante li x'aktarx jiġu eżerċitati f'dawk iċ-ċirkostanzi x'aktarx li jkun żgħir. Għalhekk, jista' jkun possibbli li, f'xi snin, l-ammont ta' tali kontribuzzjonijiet ex ante ma jibqax proporzjonat mal-kost tal-ġbir ta' dawk il-kontribuzzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiddifferixxu l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ex ante għal sena (1) jew aktar sakemm l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat mal-kost tal-proċess tal-ġbir, diment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jużaw arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni.***	(34) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 102(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, ***il-ġbir regolari ta' kontribuzzjonijiet jintemm ladarba l-livell*** fil-mira ***ta' 1 % tal-ammont ta' depożiti*** koperti ***tal-istituzzjonijiet kollha awtorizzati fit-territorju tagħhom jintlaħaq għall-ewwel darba***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The purpose of this amendment is to clarify that the regular collection of contributions ends when the financial means of the resolution financing arrangements reaches the target level (1 % of the amount of covered deposits of all the institutions authorised in their territory) for the first time at the end of the initial period. The target level is not "dynamic". With regard to the Single Resolution Fund in particular, it should be noted: The level to be achieved by the end of 2023, around 78 billion euros, is already around 40% higher than the originally envisaged target level, which was previously considered sufficient. This increase has on no account been the result of an increase in the willingness of banks to take more risks – as noted by, among

others, the SRB. It is solely due to an increase in covered deposits. By keeping this mandatory contribution in place, the fund would be considerably more overcapitalised than it already is today.

Emenda 102
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 102(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-mezzi finanzjarji disponibbli rispettivi tagħhom jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis żgħir taħt il-livell fil-mira tagħhom, li jirriżulta b'mod partikolari minn żieda fid-depożiti koperti. ***B'hekk, l-ammont*** tal-kontribuzzjonijiet ***ex ante li x'aktarx jiġu eżerċitati f'dawk iċ-ċirkostanzi x'aktarx li jkun żgħir. Għalhekk, jista' jkun possibbli li, f'xi snin, l-ammont ta' tali kontribuzzjonijiet ex ante ma jibqax proporzjonat mal-kost tal-ġbir ta' dawk il-kontribuzzjonijiet***. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiddifferixxu l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ex ante ***għal sena (1) jew aktar*** sakemm l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ***ammont li jkun proporzjonat mal-kost tal-proċess tal-ġbir, diment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jużaw arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni***.	(34) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 102(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-mezzi finanzjarji disponibbli rispettivi tagħhom jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis żgħir taħt il-livell fil-mira tagħhom, li jirriżulta b'mod partikolari minn żieda fid-depożiti koperti. ***Min-naħa l-oħra, ma hemm l-ebda mekkaniżmu li jippermetti t-tifdija*** tal-kontribuzzjonijiet ***diġà mħallsa li jkunu ogħla mil-livell fil-mira fil-każ ta' tnaqqis fid-depożiti koperti. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza dwar jekk ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet jenħtieġx li jiġu emendati biex jippreżervaw prinċipju sod ta' "min iniġġes iħallas" wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva***. ***Bħala riżultat,*** għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiddifferixxu l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ex ante sakemm l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ***ċertu limitu li jiskatta tifdija tal-kontribuzzjonijiet ex-ante***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-riforma tista' tbiddel il-probabbiltà li l-banek żgħar u ta' daqs medju jaċċessaw l-SGD / RF. Din il-probabbiltà għandha tiġi riflessa fir-regoli tal-kontribuzzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti l-inċentivi ġusti bil-mudell ta' "min iniġġes iħallas". Sakemm dan jiġi rieżaminat, għandu jkun hemm waqfa fil-kontribuzzjonijiet, soġġetta għal livell minimu prudenti.

Emenda 103
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Il-kontribuzzjonijiet għall-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) u l-arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'mod li jivvaluta preċiżament il-probabbiltà li bank kontribwenti jimponi telf għall-SGD jew għall-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni. Għal dak il-għan, ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet ta' banek individwali għal dawn il-fondi għandhom prinċipalment iqisu l-kapaċità u l-kwalità tar-Rekwiżit Minimu għal Fondi Proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli (MREL) tal-banek ikkonċernati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-riforma tista' tbiddel il-probabbiltà li l-banek żgħar u ta' daqs medju jaċċessaw l-SGD / RF. Din il-probabbiltà għandha tiġi riflessa fir-regoli tal-kontribuzzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti l-inċentivi ġusti bil-mudell ta' "min iniġġes iħallas". L-aġġustament tar-riskju għandu primarjament iqis il-kapaċità tal-MREL u l-kwalità tal-banek ikkonċernati.

Emenda 104
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) Il-livell fil-mira tal-arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni u l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti ġew iddeterminati fl-2014 biex jifilħu għal

ċertu xokk negattiv għas-sistema bankarja meta titqies il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf f'dak l-istadju. Minn dakinhar, is-sistema bankarja żiedet b'mod konsiderevoli l-kapaċità tagħha ta' assorbiment tat-telf billi evolviet il-kapital u l-bafers tal-MREL tagħha, u billi tejbet il-kwalità ġenerali tal-assi primarjament, bit-tnaqqis fis-self li ma jrendix. Bħala riżultat, l-istess livell fil-mira llum jippermetti li jifilħu għal xokk ferm akbar, li mbagħad ifisser li ma hemm l-ebda ħtieġa li jiżdiedu l-livelli fil-mira bħala riżultat ta' dan ir-rieżami.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-riforma għandha l-għan li tuża l-fondi b'mod aktar effiċjenti. Madankollu l-emendi fil-mira ma għandhomx iżidu l-piż fuq il-fondi b'mod li jisboq il-benefiċċju tat-tnaqqis tar-riskju sinifikanti li ilu stabbilit mill-2014 u li jfisser li llum l-istess livell fil-mira huwa kapaċi jiflaħ għal xokk ħafna akbar.

Emenda 105
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-impenji ta' pagament irrevokabbli huma wieħed mill-komponenti tal-mezzi finanzjarji disponibbli tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jiġu eżerċitati dawk l-impenji ta' pagament u l-proċedura applikabbli meta jiġu tterminati l-impenji f'każ li istituzzjoni jew entità ma tibqax soġġetta għall-obbligu li tħallas kontribuzzjonijiet għal arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġu pprovduti aktar trasparenza u ċertezza fir-rigward tas-sehem tal-impenji ta' pagament	(35) L-impenji ta' pagament irrevokabbli huma wieħed mill-komponenti tal-mezzi finanzjarji disponibbli tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jiġu eżerċitati dawk l-impenji ta' pagament u l-proċedura applikabbli meta jiġu tterminati l-impenji f'każ li istituzzjoni jew entità ma tibqax soġġetta għall-obbligu li tħallas kontribuzzjonijiet għal arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġu pprovduti aktar trasparenza u ċertezza fir-rigward tas-sehem tal-impenji ta' pagament

irrevokabbli fl-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet ex ante li għandhom jingħabru, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***jiddeterminaw*** tali sehem ***fuq bażi annwali, soġġett għal-limiti applikabbli***.	irrevokabbli fl-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet ex ante li għandhom jingħabru, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***jagħtu*** tali sehem ***fl-ammont sħiħ kif speċifikat fl-Artikolu 103(3) tad-Direttiva 2014/59/UE***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex iżżid is-sehem tal-impenji ta' pagament irrevokabbli (l-Artikolu 103(3)) hija, fil-prinċipju tagħha, idea tajba, madankollu d-deċiżjoni biex dan jingħata u l-ammont tas-sehem tal-impenji ta' pagament irrevokabbli jibqa' soġġett għad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Sabiex jittejbu l-kapaċitajiet ta' ppjanar, l-istituzzjonijiet dejjem għandu jkollhom l-għażla li jużaw l-impenji ta' pagament irrevokabbli sa ammont ta' 50 %.

Emenda 106
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Id-Direttiva 2014/59/UE armonizzat parzjalment il-klassifikazzjoni tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza. Dawk ir-regoli pprevedew klassifikazzjoni tad-depożiti fuq tliet livelli, fejn id-depożiti koperti kellhom il-klassifikazzjoni tal-ogħla prijorità, segwiti minn depożiti eliġibbli ta' persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju 'l fuq mil-livell ta' kopertura. Id-depożiti li jifdal, jiġifieri d-depożiti ta' korporazzjonijiet kbar li jaqbżu l-livell ta' kopertura u d-depożiti li ma humiex eliġibbli għal ripagament mill-SGD, kienu meħtieġa li jkollhom klassifikazzjoni ta' prijorità aktar baxxa, iżda l-pożizzjoni tagħhom ma kinitx armonizzata mod ieħor. Fl-aħħar nett, il-pretensjonijiet tal-SGD ibbenefikaw mill-istess klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla bħad-	***imħassar***

depożiti koperti. Madankollu, din ma wrietx li hija l-aħjar soluzzjoni għall-protezzjoni tad-depożitanti. L-armonizzazzjoni parzjali ħolqot differenzi fit-trattament ta' dawk id-depożitanti li jifdal madwar l-Istati Membri, b'mod partikolari minħabba li għadd dejjem akbar ta' Stati Membri ddeċidew li jagħtu wkoll preferenza legali lid-depożiti li jifdal. Dawk id-differenzi ħolqu wkoll diffikultajiet fid-determinazzjoni tax-xenarju kontrofattwali ta' insolvenza għall-gruppi transfruntiera matul il-valutazzjonijiet tar-riżoluzzjoni. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali flimkien mal-klassifikazzjoni fuq tliet livelli tal-pretensjonijiet tad-depożitanti kellhom il-potenzjal li joħolqu problemi fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar", b'mod partikolari meta d-depożiti li l-prijorità tagħhom ma kinitx ġiet armonizzata mid-Direttiva 2014/59/UE kklassifikaw fl-istess livell bħall-pretensjonijiet superjuri. Fl-aħħar nett, il-klassifikazzjoni ta' prijorità għolja mogħtija lill-pretensjonijiet tal-SGD ma kinitx għamlitha possibbli li l-mezzi ta' finanzjament disponibbli ta' dawk l-iskemi jintużaw b'mod aktar effiċjenti u effettiv f'interventi għajr l-iżborż tad-depożiti koperti f'insolvenza, jiġifieri fil-kuntest ta' riżoluzzjoni, miżuri alternattivi f'insolvenza jew miżuri preventivi. Il-protezzjoni tad-depożiti koperti ma tiddependix fuq il-klassifikazzjoni ta' prijorità tal-pretensjonijiet tal-SGD, iżda minflok tiġi żgurata permezz tal-esklużjonijiet obbligatorji mir-riżoluzzjoni ta' rikapitalizzazzjoni interna u r-ripagament fil-pront mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti. Għalhekk, jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti fil-ġerarkija attwali tal-pretensjonijiet tiġi emendata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz tal-fondi ta' garanzija ta' depożiti għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u tista' twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

Emenda 107
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Id-Direttiva 2014/59/UE armonizzat parzjalment il-klassifikazzjoni tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza. Dawk ir-regoli pprevedew klassifikazzjoni tad-depożiti fuq tliet livelli, fejn id-depożiti koperti kellhom il-klassifikazzjoni tal-ogħla prijorità, segwiti minn depożiti eliġibbli ta' persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju 'l fuq mil-livell ta' kopertura. Id-depożiti li jifdal, jiġifieri d-depożiti ta' korporazzjonijiet kbar li jaqbżu l-livell ta' kopertura u d-depożiti li ma humiex eliġibbli għal ripagament mill-SGD, kienu meħtieġa li jkollhom klassifikazzjoni ta' prijorità aktar baxxa, iżda l-pożizzjoni tagħhom ma kinitx armonizzata mod ieħor. Fl-aħħar nett, il-pretensjonijiet tal-SGD ibbenefikaw mill-istess klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla bħad-depożiti koperti. ***Madankollu, din ma wrietx li hija l-aħjar soluzzjoni għall-protezzjoni tad-depożitanti. L-armonizzazzjoni parzjali ħolqot differenzi fit-trattament ta' dawk id-depożitanti li jifdal madwar l-Istati Membri, b'mod partikolari minħabba li għadd dejjem akbar ta' Stati Membri ddeċidew li jagħtu wkoll preferenza legali lid-depożiti li jifdal. Dawk id-differenzi ħolqu wkoll diffikultajiet fid-***	(37) Id-Direttiva 2014/59/UE armonizzat parzjalment il-klassifikazzjoni tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza. Dawk ir-regoli pprevedew klassifikazzjoni tad-depożiti fuq tliet livelli, fejn id-depożiti koperti kellhom il-klassifikazzjoni tal-ogħla prijorità, segwiti minn depożiti eliġibbli ta' persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju 'l fuq mil-livell ta' kopertura. Id-depożiti li jifdal, jiġifieri d-depożiti ta' korporazzjonijiet kbar li jaqbżu l-livell ta' kopertura u d-depożiti li ma humiex eliġibbli għal ripagament mill-SGD, kienu meħtieġa li jkollhom klassifikazzjoni ta' prijorità aktar baxxa, iżda l-pożizzjoni tagħhom ma kinitx armonizzata mod ieħor. Fl-aħħar nett, il-pretensjonijiet tal-SGD ibbenefikaw mill-istess klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla bħad-depożiti koperti.

determinazzjoni tax-xenarju kontrofattwali ta' insolvenza għall-gruppi transfruntiera matul il-valutazzjonijiet tar-riżoluzzjoni. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali flimkien mal-klassifikazzjoni fuq tliet livelli tal-pretensjonijiet tad-depożitanti kellhom il-potenzjal li joħolqu problemi fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar", b'mod partikolari meta d-depożiti li l-prijorità tagħhom ma kinitx ġiet armonizzata mid-Direttiva 2014/59/UE kklassifikaw fl-istess livell bħall-pretensjonijiet superjuri. Fl-aħħar nett, il-klassifikazzjoni ta' prijorità għolja mogħtija lill-pretensjonijiet tal-SGD ma kinitx għamlitha possibbli li l-mezzi ta' finanzjament disponibbli ta' dawk l-iskemi jintużaw b'mod aktar effiċjenti u effettiv f'interventi għajr l-iżborż tad-depożiti koperti f'insolvenza, jiġifieri fil-kuntest ta' riżoluzzjoni, miżuri alternattivi f'insolvenza jew miżuri preventivi. Il-protezzjoni tad-depożiti koperti ma tiddependix fuq il-klassifikazzjoni ta' prijorità tal-pretensjonijiet tal-SGD, iżda minflok tiġi żgurata permezz tal-esklużjonijiet obbligatorji mir-riżoluzzjoni ta' rikapitalizzazzjoni interna u r-ripagament fil-pront mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti. Għalhekk, jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti fil-ġerarkija attwali tal-pretensjonijiet tiġi emendata.

Or. en

Emenda 108
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Id-Direttiva 2014/59/UE armonizzat parzjalment il-klassifikazzjoni tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza. Dawk ir-regoli pprevedew klassifikazzjoni tad-depożiti fuq tliet livelli, fejn id-depożiti koperti kellhom il-klassifikazzjoni tal-ogħla prijorità, segwiti minn depożiti eliġibbli ta' persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju 'l fuq mil-livell ta' kopertura. Id-depożiti li jifdal, jiġifieri d-depożiti ta' korporazzjonijiet kbar li jaqbżu l-livell ta' kopertura u d-depożiti li ma humiex eliġibbli għal ripagament mill-SGD, kienu meħtieġa li jkollhom klassifikazzjoni ta' prijorità aktar baxxa, iżda l-pożizzjoni tagħhom ma kinitx armonizzata mod ieħor. Fl-aħħar nett, il-pretensjonijiet tal-SGD ibbenefikaw mill-istess klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla bħad-depożiti koperti. Madankollu, din ma wrietx li hija l-aħjar soluzzjoni għall-protezzjoni tad-depożitanti. L-armonizzazzjoni parzjali ħolqot differenzi fit-trattament ta' dawk id-depożitanti li jifdal madwar l-Istati Membri, b'mod partikolari minħabba li għadd dejjem akbar ta' Stati Membri ddeċidew li jagħtu wkoll preferenza legali lid-depożiti li jifdal. Dawk id-differenzi ħolqu wkoll diffikultajiet fid-determinazzjoni tax-xenarju kontrofattwali ta' insolvenza għall-gruppi transfruntiera matul il-valutazzjonijiet tar-riżoluzzjoni. ***Barra minn hekk, in-nuqqas ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali flimkien mal-klassifikazzjoni fuq tliet livelli tal-pretensjonijiet tad-depożitanti kellhom il-potenzjal li joħolqu problemi fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar", b'mod partikolari meta d-depożiti li l-prijorità tagħhom ma kinitx ġiet armonizzata mid-Direttiva 2014/59/UE kklassifikaw fl-istess livell bħall-pretensjonijiet superjuri.*** Fl-aħħar nett, il-	(37) Id-Direttiva 2014/59/UE armonizzat parzjalment il-klassifikazzjoni tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza. Dawk ir-regoli pprevedew klassifikazzjoni tad-depożiti fuq tliet livelli, fejn id-depożiti koperti kellhom il-klassifikazzjoni tal-ogħla prijorità, segwiti minn depożiti eliġibbli ta' persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju 'l fuq mil-livell ta' kopertura. Id-depożiti li jifdal, jiġifieri d-depożiti ta' korporazzjonijiet kbar li jaqbżu l-livell ta' kopertura u d-depożiti li ma humiex eliġibbli għal ripagament mill-SGD, kienu meħtieġa li jkollhom klassifikazzjoni ta' prijorità aktar baxxa, iżda l-pożizzjoni tagħhom ma kinitx armonizzata mod ieħor. Fl-aħħar nett, il-pretensjonijiet tal-SGD ibbenefikaw mill-istess klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla bħad-depożiti koperti. Madankollu, din ma wrietx li hija l-aħjar soluzzjoni għall-protezzjoni tad-depożitanti. L-armonizzazzjoni parzjali ħolqot differenzi fit-trattament ta' dawk id-depożitanti li jifdal madwar l-Istati Membri, b'mod partikolari minħabba li għadd dejjem akbar ta' Stati Membri ddeċidew li jagħtu wkoll preferenza legali lid-depożiti li jifdal. Dawk id-differenzi ħolqu wkoll diffikultajiet fid-determinazzjoni tax-xenarju kontrofattwali ta' insolvenza għall-gruppi transfruntiera matul il-valutazzjonijiet tar-riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, il-klassifikazzjoni ta' prijorità għolja mogħtija lill-pretensjonijiet tal-SGD ma kinitx għamlitha possibbli li l-mezzi ta' finanzjament disponibbli ta' dawk l-iskemi jintużaw b'mod aktar effiċjenti u effettiv f'interventi għajr l-iżborż tad-depożiti koperti f'insolvenza, jiġifieri fil-kuntest ta' riżoluzzjoni, miżuri alternattivi f'insolvenza jew miżuri preventivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti fil-ġerarkija

klassifikazzjoni ta' prijorità għolja mogħtija lill-pretensjonijiet tal-SGD ma kinitx għamlitha possibbli li l-mezzi ta' finanzjament disponibbli ta' dawk l-iskemi jintużaw b'mod aktar effiċjenti u effettiv f'interventi għajr l-iżborż tad-depożiti koperti f'insolvenza, jiġifieri fil-kuntest ta' riżoluzzjoni, miżuri alternattivi f'insolvenza jew miżuri preventivi. ***Il-protezzjoni tad-depożiti koperti ma tiddependix fuq il-klassifikazzjoni ta' prijorità tal-pretensjonijiet tal-SGD, iżda minflok tiġi żgurata permezz tal-esklużjonijiet obbligatorji mir-riżoluzzjoni ta' rikapitalizzazzjoni interna u r-ripagament fil-pront mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti***. Għalhekk, jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti fil-ġerarkija attwali tal-pretensjonijiet tiġi emendata.

attwali tal-pretensjonijiet tiġi emendata.

Or. en

Emenda 109
Roberts Zīle

Proposta għal direttiva
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a) Fid-dawl tax-xenarju finanzjarju dejjem jevolvi, il-modifika fil-klassifikazzjoni tal-krediturі flimkien mat-tneħħija tas-superpreferenza għall-SGD itejbu l-aċċessibbiltà tal-SGD u tal-fond uniku ta' riżoluzzjoni (SRF) aktar mid-dipendenza tradizzjonali fuq l-appoġġ pubbliku, u twitti wkoll it-triq għal soluzzjonijiet aktar għaqlija ta' finanzjament fl-indirizzar tal-kumplessitajiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji f'riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 110
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ f'livell uniku, fejn id-depożiti kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti, mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn tipi differenti ta' depożiti. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".	***imħassar***

Or. en

Emenda 111
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ f'livell uniku, fejn id-depożiti kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti, mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn tipi differenti ta' depożiti. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri	***imħassar***

preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz tal-fondi ta' garanzija ta' depożiti għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u tista' twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

Emenda 112
Markus Ferber, Othmar Karas, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) ***Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ f'livell uniku, fejn id-depożiti kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti, mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn tipi differenti ta' depożiti. Fl-istess ħin,*** jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".	(38) Jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".

Or. en

Emenda 113
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' ***preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ f'livell uniku***, fejn id-depożiti kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti, ***mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn tipi differenti ta' depożiti***. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".	(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' ***approċċ f'żewġ livelli***, fejn id-depożiti ***koperti*** kollha ***u dik il-parti tad-depożiti eliġibbli minn persuni fiżiċi u minn impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li taqbeż il-livell ta' kopertura previst fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/49/UE*** jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq ***depożiti oħrajn u fuq*** il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti, ***li jenħtieġ li jiġu kklassifikati pari passu***. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".

Or. en

Ġustifikazzjoni

Appoġġ għall-introduzzjoni ta' sistema fuq żewġ livelli, li jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn iż-żieda fil-kapaċità tal-SGD fit-test tal-inqas kost u l-kontroll għall-periklu morali min-naħa ta' depożitanti kbar, li għandhom jiġu trattati bħal kwalunkwe investitur prinċipali mhux garantit.

Emenda 114
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ ***f'livell uniku***, fejn id-depożiti	(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ ***fuq żewġ livelli***, fejn id-depożiti

kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti***, mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn tipi differenti ta' depożiti***. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".

jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".

Or. en

Emenda 115
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ ***f'livell uniku***, fejn id-depożiti kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti***, mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn tipi differenti ta' depożiti***. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".	(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ ***fuq żewġ livelli***, fejn id-depożiti kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".

Or. en

Emenda 116
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' ***preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ f'livell uniku***, fejn ***id-depożiti kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti, mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn tipi differenti ta' depożiti***. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".	(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' ***approċċ fuq żewġ livelli***, fejn ***id-depożiti eliġibbli, l-SGD u d-depożiti korporattivi miżmuma għal skopijiet ta' pagament u saldu jikklassifikaw ogħla minn depożiti mhux eliġibbli u depożiti korporattivi kbar miżmuma għal skopijiet ta' investiment.*** . Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ "test tal-inqas kost".

Or. en

Emenda 117
Markus Ferber, Othmar Karas, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Preferenza għad-depożitanti ġenerali se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja tad-depożitanti u biex jiġi evitat aktar ir-riskju ta' assalti bankarji. Il-protezzjoni mtejba tad-depożitanti hija allinjata wkoll mar-rwol ċentrali li għandhom id-depożiti fl-ekonomija reali, bħala l-għodda primarja għat-tfaddil u għall-pagamenti, kif ukoll fl-attività bankarja, fejn id-depożiti jirrappreżentaw sors importanti ta' finanzjament u huma xprunatur ewlieni ta' fiduċja fis-sistema bankarja, li ssir ta' rilevanza partikolari fi żminijiet ta' stress fis-suq. Barra minn hekk, preferenza għad-depożitanti	***imħassar***

ġenerali ttejjeb ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet billi żżid il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni u tnaqqas l-ammont ta' finanzjament meħtieġ minn dawk l-arranġamenti, minħabba r-riskju aktar baxx ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" fejn tingħata rikapitalizzazzjoni interna għad-dejn ordinarju mhux garantit. B'mod partikolari, it-tneħħija ta' depożiti mill-klassi ta' insolvenza ta' pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti żżid il-kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti li jifdal billi timminimizza r-riskju ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar". Billi titnaqqas il-probabbiltà li d-depożiti jiġu valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti biex jiġi żgurat l-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi sabiex l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ssir aktar effettiva u kredibbli u twassal għal żieda fit-trasparenza u fiċ-ċertezza legali tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi wkoll għall-kredibbiltà tal-istrateġiji ta' trasferiment f'riżoluzzjoni, minħabba li tiffaċilita l-inklużjoni tal-kuntratt ta' depożitu kollu fil-perimetru tal-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja, għall-benefiċċju tar-relazzjoni mal-klijenti u l-valur ta' franchise tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, armonizzazzjoni sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-insolvenza tad-depożitanti tkun ta' benefiċċju mill-perspettiva transfruntiera u ta' kundizzjonijiet ekwi.

Or. en

Emenda 118
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Preferenza għad-depożitanti ġenerali se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja tad-depożitanti u biex jiġi evitat aktar ir-riskju ta' assalti bankarji. Il-protezzjoni mtejba tad-depożitanti hija allinjata wkoll mar-rwol ċentrali li għandhom id-depożiti fl-ekonomija reali, bħala l-għodda primarja għat-tfaddil u għall-pagamenti, kif ukoll fl-attività bankarja, fejn id-depożiti jirrappreżentaw sors importanti ta' finanzjament u huma xprunatur ewlieni ta' fiduċja fis-sistema bankarja, li ssir ta' rilevanza partikolari fi żminijiet ta' stress fis-suq. Barra minn hekk, preferenza għad-depożitanti ġenerali ttejjeb ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet billi żżid il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni u tnaqqas l-ammont ta' finanzjament meħtieġ minn dawk l-arranġamenti, minħabba r-riskju aktar baxx ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" fejn tingħata rikapitalizzazzjoni interna għad-dejn ordinarju mhux garantit. B'mod partikolari, it-tneħħija ta' depożiti mill-klassi ta' insolvenza ta' pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti żżid il-kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti li jifdal billi timminimizza r-riskju ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar". Billi titnaqqas il-probabbiltà li d-depożiti jiġu valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti biex jiġi żgurat l-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi sabiex l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ssir aktar effettiva u kredibbli u	***imħassar***

twassal għal żieda fit-trasparenza u fiċ-ċertezza legali tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi wkoll għall-kredibbiltà tal-istrateġiji ta' trasferiment f'riżoluzzjoni, minħabba li tiffaċilita l-inklużjoni tal-kuntratt ta' depożitu kollu fil-perimetru tal-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja, għall-benefiċċju tar-relazzjoni mal-klijenti u l-valur ta' franchise tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, armonizzazzjoni sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-insolvenza tad-depożitanti tkun ta' benefiċċju mill-perspettiva transfruntiera u ta' kundizzjonijiet ekwi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Appoġġ għall-introduzzjoni ta' sistema fuq żewġ livelli, li jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn iż-żieda fil-kapaċità tal-SGD fit-test tal-inqas kost u l-kontroll għall-periklu morali min-naħa ta' depożitanti kbar, li għandhom jiġu trattati bħal kwalunkwe investitur prinċipali mhux garantit.

Emenda 119
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Preferenza għad-depożitanti ġenerali se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja tad-depożitanti u biex jiġi evitat aktar ir-riskju ta' assalti bankarji. Il-protezzjoni mtejba tad-depożitanti hija allinjata wkoll mar-rwol ċentrali li għandhom id-depożiti fl-ekonomija reali, bħala l-għodda primarja għat-tfaddil u għall-pagamenti, kif ukoll fl-attività bankarja, fejn id-depożiti jirrappreżentaw sors importanti ta' finanzjament u huma xprunatur ewlieni ta' fiduċja fis-sistema	***imħassar***

bankarja, li ssir ta' rilevanza partikolari fi żminijiet ta' stress fis-suq. Barra minn hekk, preferenza għad-depożitanti ġenerali ttejjeb ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet billi żżid il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni u tnaqqas l-ammont ta' finanzjament meħtieġ minn dawk l-arranġamenti, minħabba r-riskju aktar baxx ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" fejn tingħata rikapitalizzazzjoni interna għad-dejn ordinarju mhux garantit. B'mod partikolari, it-tneħħija ta' depożiti mill-klassi ta' insolvenza ta' pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti żżid il-kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti li jifdal billi timminimizza r-riskju ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar". Billi titnaqqas il-probabbiltà li d-depożiti jiġu valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti biex jiġi żgurat l-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi sabiex l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ssir aktar effettiva u kredibbli u twassal għal żieda fit-trasparenza u fiċ-ċertezza legali tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi wkoll għall-kredibbiltà tal-istrateġiji ta' trasferiment f'riżoluzzjoni, minħabba li tiffaċilita l-inklużjoni tal-kuntratt ta' depożitu kollu fil-perimetru tal-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja, għall-benefiċċju tar-relazzjoni mal-klijenti u l-valur ta' franchise tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, armonizzazzjoni sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-insolvenza tad-depożitanti tkun ta' benefiċċju mill-perspettiva transfruntiera u ta' kundizzjonijiet ekwi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz tal-fondi ta' garanzija ta' depożiti għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u tista' twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

Emenda 120
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) ***Preferenza għad-depożitanti ġenerali*** se ***tikkontribwixxi*** għat-tisħiħ tal-fiduċja tad-depożitanti u biex jiġi evitat aktar ir-riskju ta' assalti bankarji. Il-protezzjoni mtejba tad-depożitanti hija allinjata wkoll mar-rwol ċentrali li għandhom id-depożiti fl-ekonomija reali, bħala l-għodda primarja għat-tfaddil u għall-pagamenti, kif ukoll fl-attività bankarja, fejn id-depożiti jirrappreżentaw sors importanti ta' finanzjament u huma xprunatur ewlieni ta' fiduċja fis-sistema bankarja, li ssir ta' rilevanza partikolari fi żminijiet ta' stress fis-suq. Barra minn hekk, ***preferenza għad-depożitanti ġenerali ttejjeb*** ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet billi ***żżid*** il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni u ***tnaqqas*** l-ammont ta' finanzjament meħtieġ minn dawk l-arranġamenti, minħabba r-riskju aktar baxx ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" fejn tingħata rikapitalizzazzjoni interna għad-dejn ordinarju mhux garantit. ***B'mod partikolari, it-tneħħija ta' depożiti mill-klassi ta' insolvenza ta' pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti żżid il-kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-***	(39) ***Approċċ fuq żewġ livelli*** se ***jikkontribwixxi*** għat-tisħiħ tal-fiduċja tad-depożitanti u biex jiġi evitat aktar ir-riskju ta' assalti bankarji. Il-protezzjoni mtejba tad-depożitanti hija allinjata wkoll mar-rwol ċentrali li għandhom id-depożiti fl-ekonomija reali, bħala l-għodda primarja għat-tfaddil u għall-pagamenti, kif ukoll fl-attività bankarja, fejn id-depożiti jirrappreżentaw sors importanti ta' finanzjament u huma xprunatur ewlieni ta' fiduċja fis-sistema bankarja, li ssir ta' rilevanza partikolari fi żminijiet ta' stress fis-suq. Barra minn hekk, ***approċċ fuq żewġ livelli jtejjeb*** ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet billi ***jżid*** il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni u ***jnaqqas*** l-ammont ta' finanzjament meħtieġ minn dawk l-arranġamenti, minħabba r-riskju aktar baxx ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" fejn tingħata rikapitalizzazzjoni interna għad-dejn ordinarju mhux garantit.

pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti li jifdal billi timminimizza r-riskju ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar". Billi titnaqqas il-probabbiltà li d-depożiti jiġu valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti biex jiġi żgurat l-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi sabiex l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ssir aktar effettiva u kredibbli u twassal għal żieda fit-trasparenza u fiċ-ċertezza legali tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi wkoll għall-kredibbiltà tal-istrateġiji ta' trasferiment f'riżoluzzjoni, minħabba li tiffaċilita l-inklużjoni tal-kuntratt ta' depożitu kollu fil-perimetru tal-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja, għall-benefiċċju tar-relazzjoni mal-klijenti u l-valur ta' franchise tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, armonizzazzjoni sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-insolvenza tad-depożitanti tkun ta' benefiċċju mill-perspettiva transfruntiera u ta' kundizzjonijiet ekwi.

Or. en

Emenda 121
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Preferenza għad-depożitanti ġenerali se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja tad-depożitanti u biex jiġi evitat aktar ir-riskju ta' assalti bankarji. Il-protezzjoni mtejba tad-depożitanti hija allinjata wkoll mar-rwol ċentrali li għandhom id-depożiti fl-ekonomija reali, bħala l-għodda primarja għat-tfaddil u	(39) Preferenza għad-depożitanti ġenerali se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja tad-depożitanti u biex jiġi evitat aktar ir-riskju ta' assalti bankarji. Il-protezzjoni mtejba tad-depożitanti hija allinjata wkoll mar-rwol ċentrali li għandhom id-depożiti fl-ekonomija reali, bħala l-għodda primarja għat-tfaddil u

għall-pagamenti, kif ukoll fl-attività bankarja, fejn id-depożiti jirrappreżentaw sors importanti ta' finanzjament u huma xprunatur ewlieni ta' fiduċja fis-sistema bankarja, li ssir ta' rilevanza partikolari fi żminijiet ta' stress fis-suq. Barra minn hekk, preferenza għad-depożitanti ġenerali ttejjeb ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet billi żżid il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni ***u tnaqqas l-ammont ta' finanzjament meħtieġ minn dawk l-arranġamenti, minħabba r-riskju aktar baxx ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" fejn tingħata rikapitalizzazzjoni interna għad-dejn ordinarju mhux garantit***. B'mod partikolari, it-tneħħija ta' depożiti mill-klassi ta' insolvenza ta' pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti żżid il-kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti li jifdal billi timminimizza r-riskju ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar". Billi titnaqqas il-probabbiltà li d-depożiti jiġu valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti biex jiġi żgurat l-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi sabiex l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ssir aktar effettiva u kredibbli u twassal għal żieda fit-trasparenza u fiċ-ċertezza legali tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi wkoll għall-kredibbiltà tal-istrateġiji ta' trasferiment f'riżoluzzjoni, minħabba li tiffaċilita l-inklużjoni ***tal-kuntratt ta' depożitu kollu*** fil-perimetru tal-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja, għall-benefiċċju tar-relazzjoni mal-klijenti u l-valur ta' franchise tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, armonizzazzjoni sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-insolvenza tad-depożitanti tkun ta' benefiċċju mill-perspettiva transfruntiera u

għall-pagamenti, kif ukoll fl-attività bankarja, fejn id-depożiti jirrappreżentaw sors importanti ta' finanzjament u huma xprunatur ewlieni ta' fiduċja fis-sistema bankarja, li ssir ta' rilevanza partikolari fi żminijiet ta' stress fis-suq. Barra minn hekk, preferenza għad-depożitanti ġenerali ttejjeb ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet billi żżid il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni. B'mod partikolari, it-tneħħija ta' depożiti mill-klassi ta' insolvenza ta' pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti żżid il-kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti li jifdal billi timminimizza r-riskju ta' ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar". Billi titnaqqas il-probabbiltà li d-depożiti jiġu valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti biex jiġi żgurat l-aċċess għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi sabiex l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ssir aktar effettiva u kredibbli u twassal għal żieda fit-trasparenza u fiċ-ċertezza legali tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi wkoll għall-kredibbiltà tal-istrateġiji ta' trasferiment f'riżoluzzjoni, minħabba li tiffaċilita l-inklużjoni ***ta' aktar depożiti*** fil-perimetru tal-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja, għall-benefiċċju tar-relazzjoni mal-klijenti u l-valur ta' franchise tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, armonizzazzjoni sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-insolvenza tad-depożitanti tkun ta' benefiċċju mill-perspettiva transfruntiera u ta' kundizzjonijiet ekwi.

ta’ kundizzjonijiet ekwi.

Or. en

Emenda 122
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Approċċ tal-livell uniku għall-klassifikazzjoni tal-prijorità tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta’ insolvenza jikkontribwixxi għal protezzjoni aktar effiċjenti u inqas għalja tad-depożiti kollha. Għad-depożiti koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-finanzjament mill-SGD ta’ miżuri oħrajn għajr l-iżborż tad-depożiti koperti, li jistgħu jkunu aktar effettivi u inqas ta’ tfixkil fil-protezzjoni tal-aċċess għall-fondi ddepożitati, minħabba li ma jwasslux għal interruzzjoni tal-aċċess għall-kontijiet bankarji u għas-servizzi ta’ pagament. Għad-depożiti li ma humiex koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-protezzjoni tagħhom fejn meħtieġ għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja tad-depożitanti. Fl-aħħar nett, bl-introduzzjoni ta’ flessibbiltà fl-użu ta’ dawk il-mekkaniżmi potenzjalment inqas għaljin għall-protezzjoni tad-depożitanti, dak l-approċċ jimminimizza l-ħtiġijiet immedjati ta’ żborż tal-SGD, u b’hekk jiżgura preservazzjoni aħjar tal-mezzi ta’ finanzjament disponibbli tagħhom f’każ li jseħħu kriżijiet oħrajn u jnaqqas il-piż fuq is-settur bankarju, li jiġu eżerċitati biex jirrikostitwixxu dawk il-fondi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz tal-fondi ta' garanzija ta' depożiti għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u tista' twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

Emenda 123
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Approċċ tal-livell uniku għall-klassifikazzjoni tal-prijorità tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza jikkontribwixxi għal protezzjoni aktar effiċjenti u inqas għalja tad-depożiti kollha. Għad-depożiti koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-finanzjament mill-SGD ta' miżuri oħrajn għajr l-iżborż tad-depożiti koperti, li jistgħu jkunu aktar effettivi u inqas ta' tfixkil fil-protezzjoni tal-aċċess għall-fondi ddepożitati, minħabba li ma jwasslux għal interruzzjoni tal-aċċess għall-kontijiet bankarji u għas-servizzi ta' pagament. Għad-depożiti li ma humiex koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-protezzjoni tagħhom fejn meħtieġ għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja tad-depożitanti. Fl-aħħar nett, bl-introduzzjoni ta' flessibbiltà fl-użu ta' dawk il-mekkaniżmi potenzjalment inqas għaljin għall-protezzjoni tad-depożitanti, dak l-approċċ jimminimizza l-ħtiġijiet immedjati ta' żborż tal-SGD, u b'hekk jiżgura preservazzjoni aħjar tal-mezzi ta' finanzjament disponibbli tagħhom f'każ li jseħħu kriżijiet oħrajn u jnaqqas il-piż fuq is-settur bankarju, li jiġu eżerċitati biex jirrikostitwixxu dawk il-fondi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 124
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Approċċ tal-livell uniku għall-klassifikazzjoni tal-prijorità tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza jikkontribwixxi għal protezzjoni aktar effiċjenti u inqas għalja tad-depożiti kollha. Għad-depożiti koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-finanzjament mill-SGD ta' miżuri oħrajn għajr l-iżborż tad-depożiti koperti, li jistgħu jkunu aktar effettivi u inqas ta' tfixkil fil-protezzjoni tal-aċċess għall-fondi ddepożitati, minħabba li ma jwasslux għal interruzzjoni tal-aċċess għall-kontijiet bankarji u għas-servizzi ta' pagament. Għad-depożiti li ma humiex koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-protezzjoni tagħhom fejn meħtieġ għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja tad-depożitanti. Fl-aħħar nett, bl-introduzzjoni ta' flessibbiltà fl-użu ta' dawk il-mekkaniżmi potenzjalment inqas għaljin għall-protezzjoni tad-depożitanti, dak l-approċċ jimminimizza l-ħtiġijiet immedjati ta' żborż tal-SGD, u b'hekk jiżgura preservazzjoni aħjar tal-mezzi ta' finanzjament disponibbli tagħhom f'każ li jseħħu kriżijiet oħrajn u jnaqqas il-piż fuq is-settur bankarju, li jiġu eżerċitati biex jirrikostitwixxu dawk il-fondi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Support for the introduction of a two-tier system, which strikes the right balance between increasing the firepower of the DGS under the least cost test and controlling for moral hazard

on the part of large depositors, which should be treated like any other senior unsecured investor.

Emenda 125
Markus Ferber, Othmar Karas, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Approċċ tal-livell uniku għall-klassifikazzjoni tal-prijorità tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza jikkontribwixxi għal protezzjoni aktar effiċjenti u inqas għalja tad-depożiti kollha. Għad-depożiti koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-finanzjament mill-SGD ta' miżuri oħrajn għajr l-iżborż tad-depożiti koperti, li jistgħu jkunu aktar effettivi u inqas ta' tfixkil fil-protezzjoni tal-aċċess għall-fondi ddepożitati, minħabba li ma jwasslux għal interruzzjoni tal-aċċess għall-kontijiet bankarji u għas-servizzi ta' pagament. Għad-depożiti li ma humiex koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-protezzjoni tagħhom fejn meħtieġ għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja tad-depożitanti. Fl-aħħar nett, bl-introduzzjoni ta' flessibbiltà fl-użu ta' dawk il-mekkaniżmi potenzjalment inqas għaljin għall-protezzjoni tad-depożitanti, dak l-approċċ jimminimizza l-ħtiġijiet immedjati ta' żborż tal-SGD, u b'hekk jiżgura preservazzjoni aħjar tal-mezzi ta' finanzjament disponibbli tagħhom f'każ li jseħħu kriżijiet oħrajn u jnaqqas il-piż fuq is-settur bankarju, li jiġu eżerċitati biex jirrikostitwixxu dawk il-fondi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 126
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Approċċ ***tal-livell uniku*** għall-klassifikazzjoni tal-prijorità tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza ***jikkontribwixxi għal protezzjoni aktar effiċjenti u inqas għalja tad-depożiti kollha. Għad-depożiti koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-finanzjament mill-SGD ta' miżuri oħrajn għajr l-iżborż tad-depożiti koperti, li jistgħu jkunu*** aktar ***effettivi*** u inqas ta' tfixkil ***fil-protezzjoni tal-aċċess*** għall-fondi ddepożitati, minħabba li ma jwasslux għal interruzzjoni tal-aċċess għall-kontijiet bankarji u għas-servizzi ta' pagament. ***Għad-depożiti li ma humiex koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-protezzjoni tagħhom fejn meħtieġ għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja tad-depożitanti. Fl-aħħar nett,*** bl-introduzzjoni ta' ***flessibbiltà fl-użu ta' dawk il-mekkaniżmi*** potenzjalment inqas għaljin għall-protezzjoni tad-depożitanti, ***dak*** l-approċċ jimminimizza l-ħtiġijiet immedjati ta' żborż tal-SGD, u b'hekk jiżgura ***preservazzjoni*** aħjar tal-mezzi ta' finanzjament disponibbli tagħhom f'każ li jseħħu kriżijiet oħrajn u jnaqqas il-piż fuq is-settur bankarju, li jiġu eżerċitati biex jirrikostitwixxu dawk il-fondi.	(40) Approċċ ***fuq żewġ livelli*** għall-klassifikazzjoni tal-prijorità tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza ***jtejjeb l-użu tal-SGD fil-kuntest tar-riżoluzzjoni, b'hekk jippermetti għażla*** aktar ***effettiva*** u inqas ta' tfixkil ***li tipproteġi l-aċċess*** għall-fondi ddepożitati, minħabba li ma jwasslux għal interruzzjoni tal-aċċess għall-kontijiet bankarji u għas-servizzi ta' pagament. Bl-introduzzjoni ta' ***mekkaniżmi*** potenzjalment inqas għaljin għall-protezzjoni tad-depożitanti, ***dan*** l-approċċ jimminimizza l-ħtiġijiet immedjati ta' żborż tal-SGD, u b'hekk jiżgura ***preżervazzjoni*** aħjar tal-mezzi ta' finanzjament disponibbli tagħhom f'każ li jseħħu kriżijiet oħrajn u jnaqqas il-piż fuq is-settur bankarju, li jiġu eżerċitati biex jirrikostitwixxu dawk il-fondi.

Or. en

Emenda 127
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Is-sistema ta' prijorità fuq żewġ livelli, kif riflessa fl-emendi f'din id-Direttiva għall-Artikolu 108 tad-Direttiva 2014/59/UE, tiżgura li d-depożiti esklużi mill-kopertura skont id-Direttiva 2014/49/UE, kif ukoll ċerti depożiti ta' korporazzjonijiet kbar li jintużaw għall-konformità mal-MREL, igawdu minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla meta mqabbla ma' kredituri ordinarji mhux garantiti, iżda waħda li tkun aktar baxxa mid-depożiti koperti, mid-depożiti eliġibbli ta' persuni fiżiċi u SMEs li jaqbżu l-livell ta' kopertura, depożiti ta' korporazzjonijiet kbar li ma jgħoddux għall-MREL, kif ukoll pretensjonijiet mill-SGD li jissurrogaw għal depożiti koperti. Dak l-approċċ f'diversi livelli huwa mfassal biex jipprovdi protezzjoni msaħħa għal firxa wiesgħa ta' depożitanti, li jirrifletti l-karatteristiċi uniċi tad-depożiti tagħhom, filwaqt li jiftaħ il-possibbiltà ta' riżoluzzjoni għal entitajiet mhux koperti mill-qafas attwali.

Or. en

Emenda 128
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-bidliet fil-klassifikazzjoni ta' prijorità tad-depożiti, b'mod partikolari l-eliminazzjoni tal-klassifikazzjoni ogħla tad-depożiti koperti u l-pretensjonijiet tal-SGD meta mqabbla mad-depożiti l-oħrajn kollha, ma jaffettwawx b'mod negattiv il-protezzjoni mogħtija lid-depożiti koperti f'każ ta' falliment, minħabba li dik il-protezzjoni tkompli tiġi ggarantita	***imħassar***

permezz tal-esklużjoni obbligatorja tad-depożiti koperti mill-assorbiment tat-telf f'każ ta' riżoluzzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-iżborż ipprovdut mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz tal-fondi ta' garanzija ta' depożiti għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u tista' twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

Emenda 129
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-bidliet fil-klassifikazzjoni ta' prijorità tad-depożiti, b'mod partikolari l-eliminazzjoni tal-klassifikazzjoni ogħla tad-depożiti koperti u l-pretensjonijiet tal-SGD meta mqabbla mad-depożiti l-oħrajn kollha, ma jaffettwawx b'mod negattiv il-protezzjoni mogħtija lid-depożiti koperti f'każ ta' falliment, minħabba li dik il-protezzjoni tkompli tiġi ggarantita permezz tal-esklużjoni obbligatorja tad-depożiti koperti mill-assorbiment tat-telf f'każ ta' riżoluzzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-iżborż ipprovdut mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 130
Ernest Urtasun

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-bidliet fil-klassifikazzjoni ta' prijorità tad-depożiti, b'mod partikolari l-eliminazzjoni tal-klassifikazzjoni ogħla tad-depożiti koperti u l-pretensjonijiet tal-SGD meta mqabbla mad-depożiti l-oħrajn kollha, ma jaffettwawx b'mod negattiv il-protezzjoni mogħtija lid-depożiti koperti f'każ ta' falliment, minħabba li dik il-protezzjoni tkompli tiġi ggarantita permezz tal-esklużjoni obbligatorja tad-depożiti koperti mill-assorbiment tat-telf f'każ ta' riżoluzzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-iżborż ipprovdut mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 131
Markus Ferber, Othmar Karas, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-bidliet fil-klassifikazzjoni ta' prijorità tad-depożiti, b'mod partikolari l-eliminazzjoni tal-klassifikazzjoni ogħla tad-depożiti koperti u l-pretensjonijiet tal-SGD meta mqabbla mad-depożiti l-oħrajn kollha, ma jaffettwawx b'mod negattiv il-protezzjoni mogħtija lid-depożiti koperti f'każ ta' falliment, minħabba li dik il-protezzjoni tkompli tiġi ggarantita permezz tal-esklużjoni obbligatorja tad-depożiti koperti mill-assorbiment tat-telf f'każ ta' riżoluzzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-iżborż ipprovdut mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-	***imħassar***

depożiti.

Or. en

Emenda 132
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-bidliet fil-klassifikazzjoni ta' prijorità tad-depożiti, b'mod partikolari l-eliminazzjoni tal-klassifikazzjoni ogħla tad-depożiti koperti u l-pretensjonijiet tal-SGD meta mqabbla mad-depożiti l-oħrajn kollha, ma jaffettwawx b'mod negattiv il-protezzjoni mogħtija lid-depożiti koperti f'każ ta' falliment, minħabba li dik il-protezzjoni tkompli tiġi ggarantita permezz tal-esklużjoni obbligatorja tad-depożiti koperti mill-assorbiment tat-telf f'każ ta' riżoluzzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-iżborż ipprovdut mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti.	(41) Il-bidliet fil-klassifikazzjoni ta' prijorità tad-depożiti, b'mod partikolari l-eliminazzjoni tal-klassifikazzjoni ogħla tad-depożiti koperti u l-pretensjonijiet tal-SGD meta mqabbla mad-depożiti ***eliġibbli*** l-oħrajn kollha, ma jaffettwawx b'mod negattiv il-protezzjoni mogħtija lid-depożiti koperti f'każ ta' falliment, minħabba li dik il-protezzjoni tkompli tiġi ggarantita permezz tal-esklużjoni obbligatorja tad-depożiti koperti mill-assorbiment tat-telf f'każ ta' riżoluzzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-iżborż ipprovdut mill-SGD f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Appoġġ għall-introduzzjoni ta' sistema fuq żewġ livelli, li jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn iż-żieda fil-kapaċità tal-SGD fit-test tal-inqas kost u l-kontroll għall-periklu morali min-naħa ta' depożitanti kbar, li għandhom jiġu trattati bħal kwalunkwe investitur prinċipali mhux garantit.

Emenda 133
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 41a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41a) Filwaqt li d-depożiti koperti huma protetti minn telf f'riżoluzzjoni, depożiti eliġibbli oħra huma potenzjalment disponibbli għal skopijiet tal-assorbiment tat-telf. Sabiex jiġi provdut ċertu livell ta' protezzjoni għal persuni fiżiċi u impriżi mikro, żgħar u medji li għandhom depożiti eliġibbli ogħla mil-livell ta' depożiti koperti, tali depożiti jenħtieġ li jkollhom klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq it-talbiet ta' kredituri ordinarji mhux preferuti u mhux assigurati skont id-dritt nazzjonali li jirregola l-proċeduri normali ta' insolvenza. It-talba tal-iskema ta' garanzija tad-depożitu jenħtieġ li jkollha klassifikazzjoni ogħla skont tali liġi nazzjonali minn dik tal-kategoriji msemmija qabel ta' depożiti eliġibbli. L-armonizzazzjoni ta' liġijiet nazzjonali ta' insolvenza f'dan il-qasam hija wkoll neċessarja sabiex jiġi minimizzat l-esponiment tal-fondi ta' riżoluzzjoni ta' Stati Membri taħt il-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar kif speċifikat f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 134
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) L-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jistgħu jintużaw biex jappoġġaw l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, fejn sett ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jiġu ttrasferiti lil riċevitur. F'dak il-każ, l-arranġament ta'	***imħassar***

finanzjament ta' riżoluzzjoni jista' jkollu pretensjoni kontra l-istituzzjoni jew l-entità residwa fl-istralċ sussegwenti tagħha taħt proċedimenti normali ta' insolvenza. Dan jista' jseħħ meta l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jintuża b'konnessjoni mat-telf li l-krediturikieku kienu jġarrbu, inkluż taħt il-forma ta' garanziji għal assi u obbligazzjonijiet jew il-kopertura tad-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonisti u l-krediturili tħallew lura fl-istituzzjoni jew l-entità residwa effettivament jassorbu t-telf tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u jtejbu l-possibbiltà ta' ripagamenti f'insolvenza għax-xibka ta' sikurezza speċifika għar-riżoluzzjoni, jenħtieġ li dawk il-pretensjonijiet tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni kontra l-istituzzjoni jew l-entità residwa, u l-pretensjonijiet li jirriżultaw minn spejjeż raġonevoli mġarrba kif suppost, jikklassifikaw f'insolvenza 'l fuq mill-pretensjonijiet tad-depożiti u tal-SGD. Billi l-kumpensi mħallsa lill-azzjonisti u lill-kredituripermezz ta' arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni minħabba ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" għandhom l-għan li jikkumpensaw għar-riżultati tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li dawk il-kumpensi ma jagħtux lok għal pretensjonijiet ta' dawk l-arranġamenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz tal-fondi ta' garanzija ta' depożiti għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u tista' twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

Emenda 135
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sabiex tiġi żgurata flessibbiltà suffiċjenti u jiġu ffaċilitati l-interventi tal-SGD b'appoġġ għall-użu tal-għodod ta' riżoluzzjoni, fejn dawn iwasslu għall-ħruġ mis-suq tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u fejn meħtieġ biex jiġi evitat li jiġi mġarrab telf mid-depożitanti, jenħtieġ li jiġu speċifikati ċerti aspetti tal-użu tal-SGD f'riżoluzzjoni. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li l-SGD tista' tintuża biex tappoġġa t-tranżazzjonijiet ta' trasferiment li jinkludu depożiti, inklużi depożiti eliġibbli lil hinn mil-livell ta' kopertura pprovdut mill-SGD, kif ukoll depożiti esklużi mir-ripagament minn SGD, f'ċerti każijiet u taħt kundizzjonijiet ċari. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD tkun immirata biex tkopri n-nuqqas fil-valur tal-assi ttrasferiti lil xerrej jew istituzzjoni tranżitorja meta mqabbel mal-valur tad-depożiti ttrasferiti. Meta kontribuzzjoni tkun meħtieġa mix-xerrej bħala parti mit-tranżazzjoni biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tiegħu u tiġi ppreservata l-konformità mar-rekwiżiti kapitali tax-xerrej, jenħtieġ li l-SGD titħalla wkoll tikkontribwixxi għal dak il-għan. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-SGD għal azzjoni ta' riżoluzzjoni jieħu l-forma ta' flus jew forom oħrajn, bħal garanziji jew ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tat-telf li jistgħu jimminimizzaw l-impatt tal-appoġġ fuq il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu l-kontribuzzjoni tal-SGD biex tilħaq l-iskopijiet tagħha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 136
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sabiex tiġi żgurata flessibbiltà suffiċjenti u jiġu ffaċilitati l-interventi tal-SGD b'appoġġ għall-użu tal-għodod ta' riżoluzzjoni, fejn dawn iwasslu għall-ħruġ mis-suq tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u fejn meħtieġ biex jiġi evitat li jiġi mġarrab telf mid-depożitanti, jenħtieġ li jiġu speċifikati ċerti aspetti tal-użu tal-SGD f'riżoluzzjoni. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li l-SGD tista' tintuża biex tappoġġa t-tranżazzjonijiet ta' trasferiment li jinkludu depożiti, inklużi depożiti eliġibbli lil hinn mil-livell ta' kopertura pprovdut mill-SGD, kif ukoll depożiti esklużi mir-ripagament minn SGD, f'ċerti każijiet u taħt kundizzjonijiet ċari. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD tkun immirata biex tkopri n-nuqqas fil-valur tal-assi ttrasferiti lil xerrej jew istituzzjoni tranżitorja meta mqabbel mal-valur tad-depożiti ttrasferiti. Meta kontribuzzjoni tkun meħtieġa mix-xerrej bħala parti mit-tranżazzjoni biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tiegħu u tiġi ppreservata l-konformità mar-rekwiżiti kapitali tax-xerrej, jenħtieġ li l-SGD titħalla wkoll tikkontribwixxi għal dak il-għan. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-SGD għal azzjoni ta' riżoluzzjoni jieħu l-forma ta' flus jew forom oħrajn, bħal garanziji jew ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tat-telf li jistgħu jimminimizzaw l-impatt tal-appoġġ fuq il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu l-kontribuzzjoni tal-SGD biex tilħaq l-iskopijiet tagħha.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz tal-fondi ta' garanzija ta' depożiti għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-

depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u tista' twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

Emenda 137
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE. Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza meta kienet qed twettaq il-valwazzjoni ex post għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" u tad-determinazzjoni ta' kwalunkwe kumpens dovut lill-SGD. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża	***imħassar***

biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f'insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz tal-fondi ta' garanzija ta' depożiti għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u tista' twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

Emenda 138
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ***ċerti*** limiti. ***L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE. Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni***	(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal limiti ***stretti ħafna***.

daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza meta kienet qed twettaq il-valwazzjoni ex post għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" u tad-determinazzjoni ta' kwalunkwe kumpens dovut lill-SGD. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f'insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.

Or. en

Emenda 139
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD	(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD

f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE. ***Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza meta kienet qed twettaq il-valwazzjoni ex post għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" u tad-determinazzjoni ta' kwalunkwe kumpens dovut lill-SGD***. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f'insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.

f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f'insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.

Or. en

Emenda 140
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE. Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza meta kienet qed twettaq il-valwazzjoni ex post għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" u tad-determinazzjoni ta' kwalunkwe kumpens dovut lill-SGD. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f'insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura	(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE***, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, inkluż il-valur taż-żmien tal-flus kif ukoll id-dewmien fl-irkupru tal-fondi u r-rati ta' rkupru tal-fondi mistennija fi proċedimenti ta' insolvenza, abbażi ta' speċifitajiet nazzjonali***. Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza meta kienet qed twettaq il-valwazzjoni ex post għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" u tad-determinazzjoni ta' kwalunkwe kumpens dovut lill-SGD. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f'insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-

lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.	somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.
	Or. en

Emenda 141
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE. Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza ***meta kienet qed twettaq il-valwazzjoni ex post għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" u tad-determinazzjoni ta' kwalunkwe kumpens dovut lill-SGD***. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-	(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE. Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża

obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta’ prijorità jew bi klassifikazzjoni ta’ prijorità ogħla f’insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta’ telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f’insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.

biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta’ telf fuq id-depożitanti ***eliġibbli***, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti ***eliġibbli*** f’insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Appoġġ għall-introduzzjoni ta’ sistema fuq żewġ livelli, li jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn iż-żieda fil-kapaċità tal-SGD fit-test tal-inqas kost u l-kontroll għall-periklu morali min-naħa ta’ depożitanti kbar, li għandhom jiġu trattati bħal kwalunkwe investitur prinċipali mhux garantit.

Emenda 142
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-SGD tista’ tikkontribwixxi biss għal trasferiment ta’ obbligazzjonijiet għajr id-depożiti koperti fil-kuntest ta’ riżoluzzjoni jekk l-awtorità ta’ riżoluzzjoni tikkonkludi li depożiti oħrajn għajr id-depożiti koperti ma jistgħux jingħataw rikapitalizzazzjoni interna, u lanqas jitħallew fl-istituzzjoni residwa taħt riżoluzzjoni li se tiġi stralċjata. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-awtorità ta’ riżoluzzjoni titħalla tevita l-allokazzjoni tat-telf għal dawk id-depożiti	***imħassar***

(a) li huwa raġonevolment probabbli li l-implimentazzjoni tal-arranġamenti proposti fil-pjan iżżomm jew terġa' ġġib ***il-vijabbiltà*** u l-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni jew tal-grupp, filwaqt li jitqiesu l-miżuri preparatorji li tkun ħadet l-istituzzjoni jew li tkun ippjanat li tieħu;	"(a) li huwa raġonevolment probabbli li l-implimentazzjoni tal-arranġamenti proposti fil-pjan iżżomm jew terġa' ġġib ***f'perjodu ta' żmien raġonevoli l-vijabbiltà, il-likwidità*** u l-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni jew tal-grupp, filwaqt li jitqiesu l-miżuri preparatorji li tkun ħadet l-istituzzjoni jew li tkun ippjanat li tieħu; ***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014L0059)

Emenda 175
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2d (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2d) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-pjan ta' rkupru lill-awtorità ta' riżoluzzjoni. L-awtorità ta' riżoluzzjoni ***tista'*** teżamina l-pjan ta' rkupru bil-ħsieb li	"4. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-pjan ta' rkupru lill-awtorità ta' riżoluzzjoni. L-awtorità ta' riżoluzzjoni ***għandha*** teżamina l-pjan ta' rkupru bil-

tidentifika kwalunkwe azzjoni fil-pjan ta' rkupru li jista' jkollha impatt ħażin fuq ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjoni u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti rigward dawk il-kwistjonijiet.	ħsieb li tidentifika kwalunkwe azzjoni fil-pjan ta' rkupru li jista' jkollha impatt ħażin fuq ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjoni u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti rigward dawk il-kwistjonijiet. **"**

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014L0059)

Emenda 176
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:	(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 5***, l-ewwel subparagrafu*** huwa sostitwit b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 177
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn l-awtorità kompetenti tivvaluta li hemm defiċjenzi materjali fil-pjan ta' rkupru, jew impedimenti materjali għall-implimentazzjoni tiegħu, ***hija*** għandha tinnotifika lill-istituzzjoni jew lill-impriża prinċipali tal-grupp bil-valutazzjoni tagħha u titlob li l-istituzzjoni tissottometti, fi żmien ***3 xhur***, li jistgħu jiġu estiżi b'xahar wieħed (1) bl-approvazzjoni tal-	5. Fejn l-awtorità kompetenti tivvaluta li hemm defiċjenzi materjali fil-pjan ta' rkupru, jew impedimenti materjali għall-implimentazzjoni tiegħu, ***jew meta l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti*** għandha tinnotifika lill-istituzzjoni jew lill-impriża prinċipali tal-grupp bil-

awtoritajiet, pjan rivedut li juri kif dawk id-defiċjenzi jew l-impedimenti jiġu indirizzati.;

valutazzjoni tagħha u titlob li l-istituzzjoni tissottometti, fi żmien ***xahar***, li jistgħu jiġu estiżi b'xahar wieħed (1) bl-approvazzjoni tal-awtoritajiet, pjan rivedut li juri kif dawk id-defiċjenzi jew l-impedimenti jiġu indirizzati.;

Or. en

Emenda 178
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
6. Jekk l-istituzzjoni tonqos milli tissottometti pjan ta' rkupru rivedut, jew jekk l-awtorità kompetenti tiddetermina li l-pjan ta' rkupru rivedut ma jirrimedjax b'mod adegwat id-defiċjenzi jew l-impedimenti potenzjali identifikati fil-valutazzjoni oriġinali tagħha, u ma jkunx possibbli li jiġu rrimedjati adegwatament id-defiċjenzi jew l-impedimenti permezz ta' ordni għal tibdil speċifiku fil-pjan, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-istituzzjoni biex tidentifika fi żmien ***raġonevoli l-bidliet*** li tista' tagħmel fin-negozju tagħha biex tindirizza d-defiċjenzi fil-pjan ta' rkupru jew l-impedimenti għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru**.**	"6. Jekk l-istituzzjoni tonqos milli tissottometti pjan ta' rkupru rivedut, jew jekk l-awtorità kompetenti tiddetermina li l-pjan ta' rkupru rivedut ma jirrimedjax b'mod adegwat id-defiċjenzi jew l-impedimenti potenzjali identifikati fil-valutazzjoni oriġinali tagħha, u ma jkunx possibbli li jiġu rrimedjati adegwatament id-defiċjenzi jew l-impedimenti permezz ta' ordni għal tibdil speċifiku fil-pjan, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-istituzzjoni biex tidentifika fi żmien ***speċifikat il-bidliet*** li tista' tagħmel fin-negozju tagħha biex tindirizza d-defiċjenzi fil-pjan ta' rkupru jew l-impedimenti għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru ***jew*** tordna lill-istituzzjoni tieħu kwalunkwe miżura li tikkunsidra bħala ***xierqa***, ***filwaqt li titqies il-gravità*** tad-defiċjenzi u l-impedimenti u l-effett tal-miżuri fuq in-negozju tal-istituzzjoni.
Jekk l-istituzzjoni tonqos milli tidentifika tali bidliet fi ħdan iż-żmien stabbilit mill-awtorità kompetenti, jew jekk l-awtorità	

kompetenti tivvaluta li l-azzjonijiet proposti mill-istituzzjoni mhumiex se jindirizzaw adegwatament id-defiċjenzi jew l-impedimenti, l-awtorità kompetenti tista' tordna lill-istituzzjoni tieħu kwalunkwe miżura li tikkunsidra bħala ***neċessarja u proporzjonata***, ***b'kont meħud tal-gravità*** tad-defiċjenzi u l-impedimenti u l-effett tal-miżuri fuq in-negozju tal-istituzzjoni.	
L-awtorità kompetenti tista', mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, tordna lill-istituzzjoni:	L-awtorità kompetenti tista', mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, tordna lill-istituzzjoni:
(a) tnaqqas il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, inkluż ir-riskju ta' likwidità;	(a) tnaqqas il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, inkluż ir-riskju ta' likwidità ***u tirrestawra l-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità f'perjodu ta' żmien speċifikat sa ċertu limitu ogħla mir-rekwiżit minimu stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013***;
(b) tippermetti miżuri ta' rikapitalizzazzjoni f'waqthom;	(b) tippermetti miżuri ta' rikapitalizzazzjoni f'waqthom;
(c) teżamina mill-ġdid l-istrateġija u l-istruttura tal-istituzzjoni;	(c) teżamina mill-ġdid l-istrateġija u l-istruttura tal-istituzzjoni;
(d) twettaq tibdil fl-istrateġija tal-finanzjament sabiex titjieb ir-reżiljenza tal-linji ewlenin ta' negozju u l-funzjonijiet kritiċi;	(d) twettaq tibdil fl-istrateġija tal-finanzjament sabiex titjieb ir-reżiljenza tal-linji ewlenin ta' negozju u l-funzjonijiet kritiċi;
(e) twettaq tibdil fl-istruttura tal-governanza tal-istituzzjoni.	(e) twettaq tibdil fl-istruttura tal-governanza tal-istituzzjoni.
Il-lista ta' miżuri msemmija f'dan is-subparagrafu ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri addizzjonali taħt id-dritt nazzjonali.	Il-lista ta' miżuri msemmija f'dan is-subparagrafu ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri addizzjonali taħt id-dritt nazzjonali.**"**

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 179
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) fl-Artikolu 8(2), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"	
L-EBA tista', fuq talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jaslu għal deċiżjoni konġunta f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.;	
"	

Or. en

Emenda 180
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – l-ewwel subparagrafu

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 9(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Għall-finijiet tal-Artikoli 5 sa 8, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li kull pjan ta' rkupru jinkludi qafas ta' indikaturi stabbilit mill-istituzzjoni li jidentifika l-punti fejn jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet xierqa msemmija fil-pjan. Tali indikaturi għandhom jiġu miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti matul it-twettiq tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru skont l-Artikoli 6 u 8. L-indikaturi jistgħu jkunu ta' natura kwalitattiva jew kwantitattiva rigward is-sitwazzjoni finanzjarja tal-	"1. Għall-finijiet tal-Artikoli 5 sa 8, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li kull pjan ta' rkupru jinkludi qafas ta' indikaturi stabbilit mill-istituzzjoni li jidentifika l-punti fejn jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet xierqa msemmija fil-pjan***. L-indikaturi għandhom jinkludu mill-inqas sett minimu ta' skattaturi żviluppati fl-Artikolu 27***. Tali indikaturi għandhom jiġu miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti matul it-twettiq tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru skont l-Artikoli 6 u 8.

istituzzjoni u għandhom ikunu jistgħu jiġu mmonitorjati faċilment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jistabbilixxu arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ regolari tal-indikaturi.	L-indikaturi jistgħu jkunu ta' natura kwalitattiva jew kwantitattiva rigward is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni u għandhom ikunu jistgħu jiġu mmonitorjati faċilment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jistabbilixxu arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ regolari tal-indikaturi. ***"***

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 181
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) fl-Artikolu 10(3), jiżdied il-punt li ġej:
	"(ca) kwalunkwe użu ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżorsi interni għandhom jibqgħu l-ewwel linja ta' difiża. B'konsegwenza ta' dan, kwalunkwe finanzjament estern, inkluż l-użu ta' SGD f'riżoluzzjoni, għandu jintuża biss fil-każ ta' lakuni mhux ippjanati fir-riżorsi, soġġett għal kundizzjonijiet applikabbli. Bħala konsegwenza, l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-kalibrazzjoni tal-MREL ma għandhomx jużaw fondi tal-SGD f'riżoluzzjoni.

Emenda 182
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4b) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Meta tfassal il-pjan ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tidentifika kull impediment materjali għar-riżolvibbiltà u, fejn ikun ***neċessarju u proporzjonat***, tiddefinixxi l-azzjonijiet rilevanti dwar kif jistgħu jiġu indirizzati dawn l-impedimenti, skont il-Kapitolu II ta' dan it-Titolu.	"2. Meta tfassal il-pjan ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tidentifika kull impediment materjali għar-riżolvibbiltà u, fejn ikun ***xieraq***, tiddefinixxi l-azzjonijiet rilevanti dwar kif jistgħu jiġu indirizzati dawn l-impedimenti, skont il-Kapitolu II ta' dan it-Titolu. ***"***

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 183
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4c) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jinkludi analiżi ta' kif u meta istituzzjoni tista' tapplika, fil-kondizzjonijiet indirizzati mill-pjan, għall-użu ta' faċilitajiet tal-bank ċentrali u għandu jidentifika dawk l-assi li jkunu mistennija jikkwalifikaw bħala kollateral.	"4. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jinkludi analiżi ta' kif u meta istituzzjoni tista' tapplika, fil-kondizzjonijiet indirizzati mill-pjan, għall-użu ta' faċilitajiet tal-bank ċentrali u għandu jidentifika dawk l-assi li jkunu mistennija jikkwalifikaw bħala kollateral ***filwaqt li jipprovdi stima prudenti tal-valur annwali medju tagħha b'mod aggregat għall-finijiet ta' likwidità tal-bank ċentrali billi titqies il-valwazzjoni negattiva tad-dejn rilevanti***. ***"***

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 184
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4d (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4d) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jistipula alternattivi għall-applikazzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni msemmija fit-Titolu IV lill-istituzzjoni ta' kreditu. Dan għandu jinkludi, b'mod kwantifikat kull fejn xieraq u possibbli:	"7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jistipula alternattivi għall-applikazzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni msemmija fit-Titolu IV lill-istituzzjoni ta' kreditu. Dan għandu jinkludi, b'mod kwantifikat kull fejn xieraq u possibbli:
(a) sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan;	(a) sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan***;***
	(aa) meta applikabbli, deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet għad-determinazzjoni li istituzzjoni għandha tiġi kkwalifikata bħala entità ta' likwidazzjoni;
(b) sommarju tal-bidliet materjali fl-istituzzjoni li seħħew wara li kienet ippreżentata l-aħħar informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni;	(b) sommarju tal-bidliet materjali fl-istituzzjoni li seħħew wara li kienet ippreżentata l-aħħar informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni;
(c) turija ta' kif il-funzjonijiet kritiċi u l-linji ewlenin ta' negozju jistgħu legalment u ekonomikament jiġu sseparati, sal-punt meħtieġ, minn funzjonijiet oħra sabiex tiġi żgurata l-kontinwità hekk kif tfalli l-istituzzjoni;	(c) turija ta' kif il-funzjonijiet kritiċi u l-linji ewlenin ta' negozju jistgħu legalment u ekonomikament jiġu sseparati, sal-punt meħtieġ, minn funzjonijiet oħra sabiex tiġi żgurata l-kontinwità hekk kif tfalli l-istituzzjoni;
(d) stima tal-qafas ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;	(d) stima tal-qafas ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;
(e) deskrizzjoni dettaljata tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa skont il-paragrafu	(e) deskrizzjoni dettaljata tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa skont il-paragrafu

2 ta’ dan l-Artikolu u l-Artikolu 15;

(f) deskrizzjoni ta’ kwalunkwe miżura meħtieġa skont l-Artikolu 17 sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà identifikati b’riżultat tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 15;

(g) deskrizzjoni tal-proċessi għad-determinazzjoni tal-valur u l-kummerċjabbiltà tal-funzjonijiet kritiċi, linji ewlenin ta’ negozju u assi tal-istituzzjoni;

(h) deskrizzjoni dettaljata tal-arranġamenti biex jiġi żgurat li l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 11 hija aġġornata u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni il-ħin kollu; (i) spjegazzjoni mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni dwar kif l-alternattivi tar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati mingħajr is-suppożizzjoni ta’ kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin;

(i) kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja minbarra l-użu tal-arranġamenti ta’ finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100;

(ii) kwalunkwe assistenza likwida ta’ emerġenza ta’ bank ċentrali; jew

(iii) kwalunkwe assistenza likwida ta’ bank ċentrali pprovduta taħt termini ta’ kollateral, maturità jew rata ta’ interessi mhux standard;

(j) deskrizzjoni dettaljata tal-istrateġiji differenti tar-riżoluzzjoni li jistgħu jiġu applikati skont ix-xenarji differenti possibbli u l-limiti ta’ żmien applikabbli; (k) deskrizzjoni tal-interdipendenzi kritiċi;

(l) deskrizzjoni tal-alternattivi biex jiġi priżervat l-aċċess għall-pagamenti u s-servizzi tal-ikklerjar u infrastrutturi oħra u, valutazzjoni tal-portabilità tal-pożizzjonijiet tal-klijenti;

(m) analiżi tal-impatt tal-pjan fuq l-impjegati tal-istituzzjoni, inkluża valutazzjoni ta’ kwalunkwe spejjeż

2 ta’ dan l-Artikolu u l-Artikolu 15;

(f) deskrizzjoni ta’ kwalunkwe miżura meħtieġa skont l-Artikolu 17 sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà identifikati b’riżultat tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 15;

(g) deskrizzjoni tal-proċessi għad-determinazzjoni tal-valur u l-kummerċjabbiltà tal-funzjonijiet kritiċi, linji ewlenin ta’ negozju u assi tal-istituzzjoni;

(h) deskrizzjoni dettaljata tal-arranġamenti biex jiġi żgurat li l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 11 hija aġġornata u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni il-ħin kollu; (i) spjegazzjoni mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni dwar kif l-alternattivi tar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati mingħajr is-suppożizzjoni ta’ kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin;

(i) kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja ***lill-entità taħt riżoluzzjoni jew entitajiet li jakkwistaw partijiet min-negozju tagħha*** minbarra l-użu tal-arranġamenti ta’ finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100;

(ii) kwalunkwe assistenza likwida ta’ emerġenza ta’ bank ċentrali; jew

(iii) kwalunkwe assistenza likwida ta’ bank ċentrali pprovduta taħt termini ta’ kollateral, maturità jew rata ta’ interessi mhux standard;

(j) deskrizzjoni dettaljata tal-istrateġiji differenti tar-riżoluzzjoni li jistgħu jiġu applikati skont ix-xenarji differenti possibbli u l-limiti ta’ żmien applikabbli; (k) deskrizzjoni tal-interdipendenzi kritiċi;

(l) deskrizzjoni tal-alternattivi biex jiġi priżervat l-aċċess għall-pagamenti u s-servizzi tal-ikklerjar u infrastrutturi oħra u, valutazzjoni tal-portabilità tal-pożizzjonijiet tal-klijenti;

(m) analiżi tal-impatt tal-pjan fuq l-impjegati tal-istituzzjoni, inkluża valutazzjoni ta’ kwalunkwe spejjeż

assoċjati, u deskrizzjoni tal-proċeduri previsti sabiex jiġi kkonsultat il-persunal matul il-proċess ta' riżoluzzjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati s-sistemi nazzjonali għad-djalogu mas-sħab soċjali fejn applikabbli;	assoċjati, u deskrizzjoni tal-proċeduri previsti sabiex jiġi kkonsultat il-persunal matul il-proċess ta' riżoluzzjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati s-sistemi nazzjonali għad-djalogu mas-sħab soċjali fejn applikabbli;
(n) pjan għall-komunikazzjoni mal-midja u l-pubbliku;	(n) pjan għall-komunikazzjoni mal-midja u l-pubbliku;
(o) ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa skont l-Artikolu 45(1) u skadenza sa meta għandu jintlaħaq dak il-livell, fejn applikabbli;	(o) ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa skont l-Artikolu 45(1) u skadenza sa meta għandu jintlaħaq dak il-livell, fejn applikabbli;
(p) fejn applikabbli, ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u strumenti kuntrattwali ta' rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 45(1), u skadenza sa meta għandu jintlaħaq dak il-livell, fejn applikabbli;	(p) fejn applikabbli, ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u strumenti kuntrattwali ta' rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 45(1), u skadenza sa meta għandu jintlaħaq dak il-livell, fejn applikabbli;
	(pa) lista dettaljata u komprensiva ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli inkluż jekk id-detenturi tagħhom jikkwalifikawx bħala investituri bl-imnut jew professjonali skont id-Direttiva 2014/65/UE.
	(pb) lista dettajlata u kwantifikata ta' depożiti koperti, depożiti bl-imnut, depożiti korporattivi għal skopijiet ta' pagament u saldu u depożiti korporattivi oħra kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punti (95), (97), (98) u (98a) rispettivament.
(q) deskrizzjoni tal-operazzjonijiet u s-sistemi essenzjali biex jinżamm il-funzjonament kontinwu tal-proċessi operazzjonali tal-istituzzjoni;	(q) deskrizzjoni tal-operazzjonijiet u s-sistemi essenzjali biex jinżamm il-funzjonament kontinwu tal-proċessi operazzjonali tal-istituzzjoni;
(r) fejn applikabbli kull opinjoni espressa mill-istituzzjoni fir-rigward tal-pjan ta' riżoluzzjoni;	(r) fejn applikabbli kull opinjoni espressa mill-istituzzjoni fir-rigward tal-pjan ta' riżoluzzjoni;
	"

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 185
Ernest Urtasun

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4e (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 10 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4e) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:
8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jesiġu li istituzzjoni u entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) iżommu reġistri dettaljati tal-kuntratti finanzjarji li dawn ikunu parti għalihom. L-awtorità ta' riżoluzzjoni ***tista'*** tispeċifika limitu ta' żmien li fih l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għandha tkun kapaċi tipproduċi dawk ir-rekords. L-istess limitu ta' żmien għandu japplika għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet kollha msemmijin fil-punt (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) taħt ***il-ġurisdizzjoni*** tagħha. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tiddeċiedi li tiffissa limiti ta' żmien differenti għal tipi differenti ta' kuntratti finanzjarji kif imsemmija fl-Artikolu 2(100). Dan il-paragrafu m'għandux jaffettwa s-setgħat ta' ġbir ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti.	"8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jesiġu li istituzzjoni u entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) iżommu reġistri dettaljati tal-kuntratti finanzjarji li dawn ikunu parti għalihom. L-awtorità ta' riżoluzzjoni ***għandha*** tispeċifika limitu ta' żmien li fih l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għandha tkun kapaċi tipproduċi dawk ir-rekords. L-istess limitu ta' żmien għandu japplika għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet kollha msemmijin fil-punt (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) taħt ***il-ġuriżdizzjoni*** tagħha. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tiddeċiedi li tiffissa limiti ta' żmien differenti għal tipi differenti ta' kuntratti finanzjarji kif imsemmija fl-Artikolu 2(100). Dan il-paragrafu m'għandux jaffettwa s-setgħat ta' ġbir ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti. ***"***

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 186
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Article 10 – paragraph 8 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) fl-Artikolu 10, jiddaħħal il-paragrafu 8a li ġej:	***imħassar***
“	
8a. L-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ma għandhomx jadottaw pjanijiet ta’ riżoluzzjoni meta istituzzjoni tkun qed tiġi stralċjata f’konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli skont l-Artikolu 32b jew fejn japplika l-Artikolu 37(6).;	
”	

Or. en

Emenda 187
Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 10 – paragrafu 7 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) fl-Artikolu 10(7), jiddaħħal il-punt li ġej:
	(fa) deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet għad-determinazzjoni dwar jekk istituzzjoni għandhiex tkun ikkwalifikata bħala entità ta’ likwidazzjoni, inkluż li jiġi spjegat kif l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni waslet għall-konklużjoni li l-istituzzjoni hija nieqsa minn funzjonijiet kritiċi;

Or. en

Emenda 188
Ernest Urtasun
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Article 10 – paragraph 8 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8a. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma għandhomx jadottaw pjanijiet ta' riżoluzzjoni meta istituzzjoni tkun qed tiġi stralċjata f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli skont l-Artikolu 32b jew fejn japplika l-Artikolu 37(6).;	***imħassar***

Or. en

Emenda 189
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Article 10 – paragraph 8 a a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8aa. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tiddivulga fuq is-sit web tagħha l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni fil-mandat tagħha fuq bażi annwali. Informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew informazzjoni li hija protetta minn dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità statutorja, għandhom jiġu redatti minn tali divulgazzjonijiet.

Or. en

Emenda 190
Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 10 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 10(9), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sat-3 ta' Lulju 2015***.	L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***[sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]***. ***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32014L0059)

Emenda 191
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
B'mod partikolari l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħa jitolbu, fost informazzjoni oħra, l-informazzjoni u l-analiżi speċifikati fit-Taqsima B tal-Anness.	B'mod partikolari l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħa jitolbu ***fi żmien 24 siegħa***, fost informazzjoni oħra, l-informazzjoni u l-analiżi speċifikati fit-Taqsima B tal-Anness. ***"***

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 192
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-sussidjarji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu li ma humiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal approċċ simplifikat mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jekk tali approċċ ma jaffettwax b'mod negattiv ir-riżolvibbiltà tal-grupp, filwaqt li jitqiesu d-daqs tas-sussidjarja, il-profil tar-riskju tagħha, in-nuqqas ta' funzjonijiet kritiċi u l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-grupp.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 193
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 1, ***jiżdied it-tielet subparagrafu*** li ***ġej***:	(a) fil-paragrafu 1, ***jiżdiedu t-tielet u r-raba subparagrafi*** li ***ġejjin***:
"L-identifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-sussidjarji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu li ma humiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal approċċ simplifikat mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jekk tali approċċ ma jaffettwax b'mod negattiv ir-riżolvibbiltà tal-grupp, filwaqt li jitqiesu d-daqs tas-sussidjarja, il-profil tar-riskju tagħha, in-nuqqas ta' funzjonijiet kritiċi u l-istrateġija	"L-identifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-sussidjarji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu li ma humiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal approċċ simplifikat mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jekk tali approċċ ma jaffettwax b'mod negattiv ir-riżolvibbiltà tal-grupp, filwaqt li jitqiesu d-daqs tas-sussidjarja, il-profil tar-riskju tagħha, in-nuqqas ta' funzjonijiet kritiċi u l-istrateġija

ta’ riżoluzzjoni tal-grupp.”	ta’ riżoluzzjoni tal-grupp. ***Il-pjan ta’ riżoluzzjoni tal-grupp għandu jiddetermina wkoll jekk l-entitajiet fi grupp ta’ riżoluzzjoni għajr l-entità ta’ riżoluzzjoni, jikkwalifikawx bħala entitajiet ta’ likwidazzjoni. Mingħajr preġudizzju għal fatturi oħrajn li jistgħu jitqiesu rilevanti minn awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni, l-entitajiet li jipprovdu funzjonijiet kritiċi jew servizzi kritiċi jew li huma sussidjarji materjali skont l-Artikolu 4(1), il-punt 135 tar-Regolament (UE) 575/2013 ma għandhomx jikkwalifikaw bħala entitajiet ta’ likwidazzjoni.*** ***”***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014L0059-20221114)

Emenda 194
Ernest Urtasun
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:
2. Il-pjan ta’ riżoluzzjoni tal-grupp għandu jitfassal abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 11.	“2. Il-pjan ta’ riżoluzzjoni tal-grupp għandu jitfassal abbażi ***tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 10 u*** tal-informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 11. ***”***

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 195
Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Article 12 – paragraph 3 – point – a a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:
	(-aa) deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet biex jiġi determinat li entità fi grupp imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 għandha tiġi kkwalifikata bħala entità ta' likwidazzjoni, inkluż li jiġi spjegat kif l-awtorità ta' riżoluzzjoni waslet għall-konklużjoni li l-istituzzjoni hija nieqsa mill-funzjonijiet kritiċi, u kif tqis il-proporzjon tal-ammont ta' skopertura għar-riskju totali tal-grupp u l-introjtu operatorju, kif ukoll il-proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità fi grupp fil-kuntest tal-grupp;

Or. en

Emenda 196
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punti ab u ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 3, jiddaħħlu l-punti (ab) u (ac) li ġejjin:
	"(ab) meta grupp jinkludi aktar minn grupp wieħed ta' riżoluzzjoni, jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni u l-implikazzjonijiet ta' dawk l-azzjonijiet fuq it-tnejn li ġejjin:

(i) entitajiet oħra fi grupp li jappartjenu għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(ii) gruppi oħra ta' riżoluzzjoni;

(ac) deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet għad-determinazzjoni li entità fi grupp imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 għandha tiġi kkwalifikata bħala entità ta' likwidazzjoni;

"

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 197
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2014/59/UE
Article 12 – paragraph 5 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma għandhomx jadottaw pjanijiet ta' riżoluzzjoni meta entità tkun qed tiġi stralċjata f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli skont l-Artikolu 32b jew fejn japplika l-Artikolu 37(6).;	***imħassar***

Or. en

Emenda 198
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) fl-Artikolu 13(4), ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"	
L-EBA tista', fuq talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jilħqu deċiżjoni konġunta f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.;	
"	

Or. en

Emenda 199
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9a) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta, skont valutazzjoni tar-riżolvibbiltà għal istituzzjoni mwettqa skont l-Artikoli 15 u 16, awtorità ta' riżoluzzjoni wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti tiddetermina li hemm impedimenti sostantivi għar-riżolvibbiltà ta' dik l-istituzzjoni, l-awtorità tar-riżolvibbiltà għandha tinnotifika bil-miktub dik id-determinazzjoni lill-istituzzjoni kkonċernata, lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***tal-ġurisdizzjonijiet*** fejn jinsabu fergħat sinifikattivi.	"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta, skont valutazzjoni tar-riżolvibbiltà għal istituzzjoni mwettqa skont l-Artikoli 15 u 16, awtorità ta' riżoluzzjoni wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti tiddetermina li hemm impedimenti sostantivi għar-riżolvibbiltà ta' dik l-istituzzjoni, l-awtorità tar-riżolvibbiltà għandha tinnotifika bil-miktub dik id-determinazzjoni lill-istituzzjoni kkonċernata, lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***tal-ġuriżdizzjonijiet*** fejn jinsabu fergħat sinifikattivi. ***In-nuqqas ta' kapaċità li tiġi pprovduta kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-kontenut tal-pjanijiet ta'***

riżoluzzjoni skont l-Artikolu 10(7) għas-sodisfazzjon tal-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha titqies bħala impediment sostantiv għar-riżolvibbiltà.

"

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 200
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Article 16 a – paragraph 1 – introductory part

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9a) Fl-Artikolu 16a(1), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
Artikolu 16a	"Artikolu 16a
Setgħa għall-projbizzjoni ta' ċerti distribuzzjonijiet	Setgħa għall-projbizzjoni ta' ċerti distribuzzjonijiet
1. Fejn entità tkun f'sitwazzjoni fejn tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva kombinata meta kkunsidrat flimkien ma' kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, iżda ma tissodisfax dak ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata meta kkunsidrat flimkien mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 45c u 45d ta' din id-Direttiva, meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 45(2) ta' din id-Direttiva, l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' dik l-entità għandha ***jkollha s-setgħa***, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, ***li*** tipprojbixxi entità milli tiddistribwixxi aktar mill-Ammont Massimu Distribwibbli relatat mar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli ("M-MDA") ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 4 ta'	1. Fejn entità tkun f'sitwazzjoni fejn tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva kombinata meta kkunsidrat flimkien ma' kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, iżda ma tissodisfax dak ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata meta kkunsidrat flimkien mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 45c u 45d ta' din id-Direttiva, meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 45(2) ta' din id-Direttiva, ***jew meta entità tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 45c u 45d ta' din id-Direttiva, meta kkalkolati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 45(2) ta' din id-Direttiva,*** l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' dik l-entità għandha, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, tipprojbixxi entità milli tiddistribwixxi aktar mill-Ammont

dan l-Artikolu, permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:	Massimu Distribwibbli relatat mar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli ("M-MDA") ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin: ***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014L0059-20221114)

Emenda 201
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9b) fl-Artikolu 17(4), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Fl-identifikazzjoni ta' miżuri alternattivi, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha turi kif il-miżuri proposti mill-istituzzjoni ma kinux kapaċi jneħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà u kif il-miżuri alternattivi proposti huma proporzjonati għat-tneħħija tagħhom. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tqis it-theddida ta' dawk l-impedimenti għall-istabilità finanzjarja, għar-riżolvibbiltà u l-effett tal-miżuri fuq in-negozju, l-istabbiltà u l-abilità tal-istituzzjoni li tikkontribwixxi għall-ekonomija.	***"***L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tqis it-theddida ta' dawk l-impedimenti għall-istabilità finanzjarja, għar-riżolvibbiltà u l-effett tal-miżuri fuq in-negozju, l-istabbiltà u l-abilità tal-istituzzjoni li tikkontribwixxi għall-ekonomija. ***"***

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 202
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid) u 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
fl-Artikolu 17(4), ***jiżdied it-tielet subparagrafu*** li ***ġej***:	fl-Artikolu 17(4), ***jiżdiedu t-tielet u r-raba' subparagrafi*** li ***ġejjin***:
	L-istituzzjoni għandu jkollha d-dritt li turi kif il-miżuri li pproponiet ikunu kapaċi jneħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà u kif il-miżuri alternattivi proposti mill-awtorità huma oneruż għat-tneħħija tagħhom mingħajr ħtieġa.
Jekk il-miżuri proposti mill-entità kkonċernata effettivament inaqqsu jew ineħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tieħu deċiżjoni, wara li tikkonsulta lill-awtorità kompetenti. Dik id-deċiżjoni għandha tindika li l-miżuri proposti effettivament inaqqsu jew ineħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà u jirrikjedu li l-entità timplimenta l-miżuri proposti.;	Jekk il-miżuri proposti mill-entità kkonċernata effettivament inaqqsu jew ineħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tieħu deċiżjoni, wara li tikkonsulta lill-awtorità kompetenti. Dik id-deċiżjoni għandha tindika li l-miżuri proposti effettivament inaqqsu jew ineħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà u jirrikjedu li l-entità timplimenta l-miżuri proposti.;

Or. en

Emenda 203
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 17 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10a) fl-Artikolu 17, il-parti introduttorja tal-paragrafu 5 hija sostitwita b'dan li ġej:

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***għandu jkollhom is-setgħa*** jieħdu kwalunkwe mill-miżuri li ġejjin:	"5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***għandhom jirrikjedu lill-istituzzjoni tieħu*** kwalunkwe mill-miżuri li ġejjin ***f'perjodu ta' żmien speċifikat***: ***"***

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 204
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 17 – paragrafi 8a u 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) fl-Artikolu 17, jiddaħħlu l-paragrafi (8a) u (8b):
	"8a. Filwaqt li titqies meta xieraq, l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-linji gwida msemmija fil-paragrafu 8, l-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji bil-għan li tagħti aktar dettalji dwar il-miżuri pprovduti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u ċ-ċirkostanzi li fihom kull miżura tista' tiġi applikata. L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].
	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħat li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.
	8b. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tippubblika, fi tmiem kull ċiklu ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni, lista anonima b'impedimenti identifikati li jinkludu

impedimenti sostantivi għar-riżolvibbiltà u azzjonijiet rilevanti għall-indirizzar tagħhom.
”

Or. en

(Id-Direttiva 2014/59/UE)

Emenda 205
Ernest Urtasun
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt -a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) Fl-Artikolu 18(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
2. L-awtorità ta’ riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, f’kooperazzjoni mas-superviżur konsolidattiv u l-EBA skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, għandha tħejji u tippreżenta rapport lill-impriża omm tal-Unjoni, lill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ta’ sussidjarji, li għandhom jipprovduh lis-sussidjarji taħt is-superviżjoni tagħhom, u lill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ta’ ***ġurisdizzjonijiet*** fejn jinsabu fergħat sinifikanti. Ir-rapport għandu jitħejja wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, u għandu janalizza l-impedimenti sostantivi għall-applikazzjoni effettiva tal-għodda ta’ riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta’ riżoluzzjoni fir-rigward tal-grupp, kif ukoll fir-rigward tal-gruppi ta’ riżoluzzjoni fejn grupp ikun magħmul minn aktar minn grupp ta’ riżoluzzjoni wieħed. Ir-rapport għandu jikkunsidra l-impatt fuq il-mudell ta’ negozju tal-grupp u jirrakkomanda kwalunkwe miżura proporzjonata u mmirata li, fl-opinjoni tal-awtorità ta’ riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, hija	“2. L-awtorità ta’ riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, f’kooperazzjoni mas-superviżur konsolidattiv u l-EBA skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, għandha tħejji u tippreżenta rapport lill-impriża omm tal-Unjoni, lill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ta’ sussidjarji, li għandhom jipprovduh lis-sussidjarji taħt is-superviżjoni tagħhom, u lill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ta’ ***ġuriżdizzjonijiet*** fejn jinsabu fergħat sinifikanti. Ir-rapport għandu jitħejja wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, u għandu janalizza l-impedimenti sostantivi għall-applikazzjoni effettiva tal-għodda ta’ riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta’ riżoluzzjoni fir-rigward tal-grupp, kif ukoll fir-rigward tal-gruppi ta’ riżoluzzjoni fejn grupp ikun magħmul minn aktar minn grupp ta’ riżoluzzjoni wieħed. Ir-rapport għandu jikkunsidra l-impatt fuq il-mudell ta’ negozju tal-grupp u jirrakkomanda kwalunkwe miżura proporzjonata u mmirata li, fl-opinjoni tal-awtorità ta’ riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, hija adatta

meħtieġa jew adatta sabiex jitneħħew dawk l-impedimenti.	sabiex jitneħħew dawk l-impedimenti. ***”***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014L0059-20221114)

Emenda 206
Ernest Urtasun
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
Fi żmien ***erba’*** xhur mid-data tar-riċevuta tar-rapport, l-impriża omm tal-Unjoni tista’ tippreżenta osservazzjonijiet u tipproponi miżuri alternattivi lill-awtorità ta’ riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp biex tirrimedja l-impedimenti identifikati fir-rapport.	***“***Fi żmien ***tliet*** xhur mid-data tar-riċevuta tar-rapport, l-impriża omm tal-Unjoni tista’ tippreżenta osservazzjonijiet u tipproponi miżuri alternattivi lill-awtorità ta’ riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp biex tirrimedja l-impedimenti identifikati fir-rapport. ***”***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014L0059-20221114)

Emenda 207
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jkunu jistgħu***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***iqisu mingħajr***

japplikaw miżuri ta' intervent bikri meta istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	***dewmien żejjed, u jekk ikun meħtieġ jadottaw malajr,*** miżuri ta' intervent bikri meta istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-qafas tal-EIM huwa inkorporat fi proċess ta' governanza li huwa rapidu u effiċjenti kif ukoll li jxaqleb lejn l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li se jippreżervaw bl-aħjar mod il-kapital u r-riżorsi tal-MREL, sabiex ma jxekklux il-possibbiltà ta' riżoluzzjoni fi stadju aktar tard.

Emenda 208
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jkunu jistgħu*** japplikaw miżuri ta' intervent bikri meta istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw miżuri ta' intervent bikri meta istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 209
Roberts Zīle

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-awtorità kompetenti tqis li l-azzjonijiet ta' rimedju għajr il-miżuri ta' intervent bikri ma humiex biżżejjed biex jindirizzaw il-problemi ***minħabba, inter alia, deterjorament rapidu u sinifikanti tal-kundizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni jew tal-entità;***	(ii) l-awtorità kompetenti tqis li l-azzjonijiet ta' rimedju għajr il-miżuri ta' intervent bikri ma humiex biżżejjed biex jindirizzaw il-problemi***.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalhekk, il-possibbiltà li s-superviżur jaġixxi kif xieraq tista' tkun limitata bla bżonn.

Emenda 210
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-awtorità kompetenti tqis li l-azzjonijiet ta' rimedju għajr il-miżuri ta' intervent bikri ma humiex biżżejjed biex jindirizzaw il-problemi minħabba, ***inter alia***, deterjorament ***rapidu u*** sinifikanti tal-kundizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni jew tal-entità;	(ii) l-awtorità kompetenti tqis li l-azzjonijiet ta' rimedju għajr il-miżuri ta' intervent bikri ma humiex biżżejjed biex jindirizzaw il-problemi minħabba, ***fost l-oħrajn***, deterjorament sinifikanti tal-kundizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni jew tal-entità;

Or. en

Emenda 211
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-istituzzjoni jew l-entità tikser jew x'aktarx tikser, fit-12-il xahar wara l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti, ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE, fl-Artikoli minn 3 sa 7, fl-Artikoli minn 14 sa 17, jew fl-Artikoli 24, 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, jew fl-Artikoli 45e jew 45f ta' din id-Direttiva.	(b) l-istituzzjoni jew l-entità tikser jew x'aktarx tikser, fit-12-il xahar wara l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti, ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE, fl-Artikoli minn 3 sa 7, fl-Artikoli minn 14 sa 17, jew fl-Artikoli 24, 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, jew fl-Artikoli 45e jew 45f ta' din id-Direttiva. ***Meta xieraq biex jiġi kkaratterizzat tali ksur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tinforma lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-qafas tal-EIM huwa inkorporat fi proċess ta' governanza li huwa rapidu u effiċjenti kif ukoll li jxaqleb lejn l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li se jippreżervaw bl-aħjar mod il-kapital u r-riżorsi tal-MREL, sabiex ma jxekklux il-possibbiltà ta' riżoluzzjoni fi stadju aktar tard.

Emenda 212
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rekwiżit li tinbidel l-istruttura legali tal-istituzzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 213
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1a – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rekwiżit li tinbidel l-istruttura legali tal-istituzzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 214
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 7 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) ir-rekwiżit biex korp maniġerjali jikkuntattja lil xerrejja potenzjali u jistabbilixxi pjattaforma diġitali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li hija meħtieġa għall-kummerċjalizzazzjoni tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (b), (c) jew (d) b'xerrejja potenzjali jew b'konsulenti u stimaturi sabiex jipprepara għar-riżoluzzjoni ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(2) u d-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 84.

Or. en

Emenda 215
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2014/59/UE
Article 27 – paragraph 1 a – point f a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) ir-rekwiżit għall-korp maniġerjali tal-entità biex ifassal pjan li l-entità tista' timplimenta fil-każ li l-entità korporattiva rilevanti tiddeċiedi li tibda l-istralċ voluntarju tal-entità; il-pjan għandu jinkludi mill-inqas analiżijiet tal-kapital meħtieġ u appoġġ tal-likwidità għall-istralċ u tal-għażliet strateġiċi konkreti rilevanti għall-possibbiltà ta' ħruġ mis-suq.

Or. en

Emenda 216
Roberts Zīle

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Article 27 – paragraph 1 a – point f a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) ir-rekwiżit għall-korp maniġerjali tal-entità biex ifassal pjan li l-entità tista' timplimenta fil-każ li l-entità korporattiva rilevanti tiddeċiedi li tibda l-istralċ voluntarju tal-entità

Or. en

Emenda 217
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal kull waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu data ta' skadenza li tkun xierqa għat-tlestija ta' dik il-miżura u li tippermetti lill-awtorità kompetenti tevalwa l-effettività tagħha.	3. Għal kull waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu data ta' skadenza li tkun xierqa għat-tlestija ta' dik il-miżura u li tippermetti lill-awtorità kompetenti tevalwa l-effettività tagħha. ***L-evalwazzjoni tal-miżura għandha titwettaq immedjatament wara li tintlaħaq l-iskadenza u għandha tiġi kondiviża mal-awtorità ta' riżoluzzjoni. Jekk l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-miżuri ma ġewx implimentati bis-sħiħ jew li ma humiex effettivi, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 32(1), il-punt (a) ta' din id-Direttiva, wara li tkun ikkonsultat lill-awtorità ta' riżoluzzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-qafas tal-EIM huwa inkorporat fi proċess ta' governanza li huwa rapidu u effiċjenti kif ukoll li jxaqleb lejn l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li se jippreżervaw bl-aħjar mod il-kapital u r-riżorsi tal-MREL, sabiex ma jxekklux il-possibbiltà ta' riżoluzzjoni fi stadju aktar tard.

Emenda 218
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-EBA għandha, sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], toħroġ ***linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-***	4. L-EBA għandha, sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], toħroġ ***abbozz ta' standards regolatorji tekniċi sabiex tispeċifika sett***

Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tippromwovi l-applikazzjoni konsistenti tal-iskattaturi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

minimu ta' skattaturi għall-użu tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Tali skattaturi għandhom, b'mod partikolari, iqisu kundizzjoni finanzjarja li qed tiddeterjora malajr ta' istituzzjoni, inkluż sitwazzjoni ta' deterjorament tal-likwidità, livell ogħla ta' ingranaġġ, self li ma jrendix jew konċentrazzjoni ta' skoperturi, inkluż ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni flimkien ma' mill-inqas 1,5 punti perċentwali.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Or. en

Emenda 219
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Article 30 a – paragraph 1 – subparagraph 1 – point a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE li jirrikjedu li tittieħed minn istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva;	(a) kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE li jirrikjedu li tittieħed minn istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva ***li għandhom l-għan li jindirizzaw deterjorament fis-sitwazzjoni ta' dawk l-entitajiet u l-gruppi***;

Or. en

Emenda 220
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, is-sitwazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità u l-konformità tagħhom mal-miżuri msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, li għandhom l-għan li jindirizzaw deterjorament fis-sitwazzjoni ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità, u mal-miżuri ta' intervent bikri msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib, f'kooperazzjoni ***mill-qrib*** mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, is-sitwazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità u l-konformità tagħhom mal-miżuri msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, li għandhom l-għan li jindirizzaw deterjorament fis-sitwazzjoni ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità, u mal-miżuri ta' intervent bikri msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 221
Herbert Dorfmann, Othmar Karas, Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mill-aktar fis possibbli meta jqisu li hemm riskju materjali li ***waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi fl-Artikolu*** 32(4) japplikaw b'rabta ma' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1). Dik in-notifika għandu jkun fiha:	***Mingħajr effett legali għal kwalunkwe miżura tas-settur privat alternattiva, inkluż miżuri minn IPS, li jipprevjenu l-falliment jew il-falliment probabbli tal-istituzzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli,*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mill-aktar fis possibbli meta jqisu li hemm riskju materjali li ***istituzzjoni se tfalli skont l-Artikolu*** 32(4) japplikaw b'rabta ma' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1). Dik in-

notifika għandu jkun fiha:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Anke jekk l-Artikolu 30a(2) tal-BRRD jista' jkun maħsub biss biex jiżgura komunikazzjoni bikrija bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni, hemm riskju li dan jiġi interpretat ħażin bħala li għandu effetti vinkolanti fir-rigward ta' miżuri tas-settur privat u li potenzjalment jiskatta klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

Emenda 222
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mill-aktar fis possibbli meta jqisu li hemm riskju materjali li ***waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi fl-Artikolu*** 32(4) japplikaw ***b'rabta ma' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1)***. Dik in-notifika għandu jkun fiha:	L-awtoritajiet kompetenti ***- mingħajr effett legali fuq kwalunkwe miżura alternattiva tas-settur privat, inkluż miżuri minn IPS, li jipprevjenu l-falliment jew il-falliment probabbli tal-istituzzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli -*** għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mill-aktar fis possibbli meta jqisu li hemm riskju materjali li ***istituzzjoni se tfalli skont l-Artikolu*** 32(4) japplikaw ***(…)***. Dik in-notifika għandu jkun fiha:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm riskju li jiġi interpretat ħażin li għandu effetti vinkolanti fir-rigward tal-miżuri tas-settur privat u bħala li potenzjalment jiskatta klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat, anke jekk l-Artikolu 30a(2) tal-BRRD jista' jkun maħsub biss biex jiżgura komunikazzjoni bikrija bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni.

Emenda 223
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30 a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ħarsa ġenerali lejn il-miżuri li jipprevjenu l-falliment tal-istituzzjoni jew tal-entità f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-impatt mistenni tagħhom fuq l-istituzzjoni jew l-entità fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) u l-perjodu ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.	(b) ħarsa ġenerali ***mhux vinkolanti u mhux kompluta*** lejn il-miżuri li jipprevjenu l-falliment tal-istituzzjoni jew tal-entità f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-impatt mistenni tagħhom fuq l-istituzzjoni jew l-entità fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) u l-perjodu ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

Or. en

Emenda 224
Herbert Dorfmann, Othmar Karas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30 a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ħarsa ġenerali lejn il-miżuri li jipprevjenu l-falliment tal-istituzzjoni jew tal-entità f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-impatt mistenni tagħhom fuq l-istituzzjoni jew l-entità fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) u l-perjodu ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.	(b) ħarsa ġenerali ***mhux vinkolanti u mhux eżawrjenti*** lejn il-miżuri li jipprevjenu l-falliment tal-istituzzjoni jew tal-entità f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-impatt mistenni tagħhom fuq l-istituzzjoni jew l-entità fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) u l-perjodu ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Anke jekk l-Artikolu 30a(2) tal-BRRD jista' jkun maħsub biss biex jiżgura komunikazzjoni bikrija bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni, hemm riskju li dan jiġi interpretat ħażin bħala li għandu effetti vinkolanti fir-rigward ta' miżuri tas-settur privat u li potenzjalment jiskatta klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

Emenda 225
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30 a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ħarsa ġenerali lejn il-miżuri li jipprevjenu l-falliment tal-istituzzjoni jew tal-entità f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-impatt mistenni tagħhom fuq l-istituzzjoni jew l-entità fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) u l-perjodu ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.	(b) ħarsa ġenerali ***mhux vinkolanti*** lejn il-miżuri li jipprevjenu l-falliment tal-istituzzjoni jew tal-entità f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-impatt mistenni tagħhom fuq l-istituzzjoni jew l-entità fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) u l-perjodu ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

Or. en

Emenda 226
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li jkunu rċevew in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(1), filwaqt li jqisu l-ħeffa tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta'	Wara li jkunu rċevew in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(1), filwaqt li jqisu l-ħeffa tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta'

riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw dik il-valutazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mill-aktar fis possibbli.	riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw dik il-valutazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mill-aktar fis possibbli. ***In-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu ma taffettwax il-kapaċità li l-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali jimplimentaw xi miżuri. Kwalunkwe deċiżjoni rigward miżuri minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali huma għad-diskrezzjoni unika tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali.***
	Or. en

Emenda 227
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li jkunu rċevew in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(1)***, filwaqt*** li jqisu l-ħeffa tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw dik il-valutazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mill-aktar fis possibbli.	Wara li jkunu rċevew in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(1)***. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jenħtieġ*** li jqisu l-ħeffa tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), ***l-impatt potenzjali fuq is-sistema finanzjarja u l-protezzjoni tad-depożitanti u tal-fondi tal-klijenti,*** il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw dik il-valutazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mill-aktar fis

possibbli.

Or. en

Emenda 228
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li jkunu rċevew in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(1), filwaqt li jqisu l-ħeffa tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw dik il-valutazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mill-aktar fis possibbli.	Wara li jkunu rċevew in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 32(1), il-punt (b), filwaqt li jqisu l-ħeffa tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (b), (c) jew (d), ***ir-riskju li proċess estiż iżid il-kostijiet ġenerali għall-klijenti u l-ekonomija,*** il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw dik il-valutazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mill-aktar fis possibbli.

Or. en

Emenda 229
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	In-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex taffettwa l-kapaċità li skemi ta' protezzjoni istituzzjonali jimplimentaw miżuri. Id-deċiżjonijiet relatati ma' kwalunkwe miżura minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali għandhom jibqgħu għad-diskrezzjoni unika tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali.

Or. en

Emenda 230
Roberts Zīle

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti ***u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni*** għandhom***, f'kooperazzjoni mill-qrib,*** jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura rilevanti fil-perjodu ta' żmien mistenni tagħha u kwalunkwe żvilupp rilevanti ieħor. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiltaqgħu regolarment, bi frekwenza stabbilita mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni wara li jqisu ċ-ċirkostanzi tal-każ. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti mingħajr dewmien.	Wara n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura rilevanti fil-perjodu ta' żmien mistenni tagħha u kwalunkwe żvilupp rilevanti ieħor. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiltaqgħu regolarment, bi frekwenza stabbilita mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni wara li jqisu ċ-ċirkostanzi tal-każ. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 231
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti ***u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni*** għandhom, f'kooperazzjoni mill-qrib, jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura rilevanti fil-perjodu ta' żmien mistenni tagħha u kwalunkwe żvilupp rilevanti ieħor. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiltaqgħu regolarment, bi frekwenza stabbilita mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni wara li jqisu ċ-ċirkostanzi tal-każ. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti mingħajr dewmien.	Wara n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, f'kooperazzjoni mill-qrib ***mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni***, jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura rilevanti fil-perjodu ta' żmien mistenni tagħha u kwalunkwe żvilupp rilevanti ieħor. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiltaqgħu regolarment, bi frekwenza stabbilita mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni wara li jqisu ċ-ċirkostanzi tal-każ. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 232
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kwalunkwe miżura fil-kuntest tat-tħejjija għar-riżoluzzjoni kif imsemmija f'dan il-paragrafu ma tridx tfixkel il-miżuri preventivi kif imsemmi fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE. Il-miżuri

preventivi għandhom jingħataw prijorità fuq il-miżuri ta' riżoluzzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm riskju li l-obbligu għal kooperazzjoni aktar bikrija bejn l-awtoritajiet superviżorji kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni propost skont l-abbozz tal-Artikolu 30a tal-BRRD jinfluwenza l-miżuri preventivi b'mod negattiv. Tal-inqas, il-miżuri preventivi jridu jingħataw prijorità fuq miżuri ta' riżoluzzjoni bħala kwistjoni ta' prinċipju, peress li din hija soluzzjoni ta' stabilizzazzjoni speċifika għas-settur li ma toħloqx piż fuq l-industrija bankarja kollha kemm hi.

Emenda 233
Herbert Dorfmann, Othmar Karas, Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Article 30 a – paragraph 4 – introductory part

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Is-setgħat tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinkludu s-setgħa li jikkummerċjalizzaw lil xerrejja potenzjali, jew jagħmlu arranġamenti għal tali kummerċjalizzazzjoni, l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), lil xerrejja potenzjali, jew jirrikjedu li l-istituzzjoni jew l-entità tagħmel dan, għall-finijiet li ġejjin:	4. ***Soġġetti għal miżuri alternattivi tas-settur privat, inkluż miżuri minn IPS, li jipprevjenu l-falliment jew il-falliment probabbli tal-istituzzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli,*** is-setgħat tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinkludu s-setgħa li jikkummerċjalizzaw lil xerrejja potenzjali, jew jagħmlu arranġamenti għal tali kummerċjalizzazzjoni, l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), lil xerrejja potenzjali, jew jirrikjedu li l-istituzzjoni jew l-entità tagħmel dan, għall-finijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 30a(4) tal-BRRD jinjora kompletament kwalunkwe miżura ta' appoġġ jew miżura li tevita inadempjenza minn IPS jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni diġà hija awtorizzata biex tikkummerċjalizza istituzzjoni lil akkwirenti potenzjali jew li tagħmel arranġamenti f'dan ir-rigward bi tħejjija għar-riżoluzzjoni jew jekk l-awtorità tista' titlob dan mill-istituzzjoni.

Emenda 234
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Article 30 a – paragraph 4 – introductory part

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Is-setgħat tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinkludu s-setgħa li jikkummerċjalizzaw lil xerrejja potenzjali, jew jagħmlu arranġamenti għal tali kummerċjalizzazzjoni, l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), lil xerrejja potenzjali, jew jirrikjedu li l-istituzzjoni jew l-entità tagħmel dan, għall-finijiet li ġejjin:	4. ***Soġġetti għal miżuri alternattivi tas-settur privat, inkluż miżuri minn IPS, li jipprevjenu l-falliment jew il-falliment probabbli tal-istituzzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli,*** is-setgħat tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinkludu s-setgħa li jikkummerċjalizzaw lil xerrejja potenzjali, jew jagħmlu arranġamenti għal tali kummerċjalizzazzjoni, l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), lil xerrejja potenzjali, jew jirrikjedu li l-istituzzjoni jew l-entità tagħmel dan, għall-finijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 30a (4) tal-BRRD jinjora kompletament kwalunkwe miżura ta' appoġġ jew miżura li tevita inadempjenza minn IPS jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni diġà hija awtorizzata li tikkummerċjalizza istituzzjoni lil akkwirenti possibbli jew li tagħmel arranġamenti f'dan ir-rigward bi tħejjija għar-riżoluzzjoni jew jekk l-awtorità tista' titlob dan mill-istituzzjoni.

Emenda 235
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Article 30 a – paragraph 4 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta, fl-użu tas-setgħa msemmija

fil-paragrafu 4, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi li tikkummerċjalizza direttament lil xerrejja potenzjali, hija għandha tqis kif xieraq iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-impatt potenzjali li l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa jista' jkollu fuq il-pożizzjoni ġenerali tal-entità;

Or. en

Emenda 236
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu lill-istituzzjoni jew lill-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tistabbilixxi pjattaforma diġitali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li hija meħtieġa għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità ma' xerrejja potenzjali jew ma' konsulenti u valwaturi involuti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni.	5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu lill-istituzzjoni jew lill-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tistabbilixxi pjattaforma diġitali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li hija meħtieġa għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità ma' xerrejja potenzjali jew ma' konsulenti u valwaturi involuti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni. ***F'każ bħal dan, għandu japplika l-Artikolu 84(1), il-punt (e).***

Or. en

Emenda 237
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li dawk il-miżuri u l-azzjonijiet ikunu konsistenti, ikkoordinati u effettivi.***;***	L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li dawk il-miżuri u l-azzjonijiet ikunu konsistenti, ikkoordinati u effettivi. ***Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jippreġudikaw il-funzjonament xieraq tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw l-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali nazzjonali mir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.***

Or. en

Emenda 238
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju***,*** ***b'mod partikolari meta jiġi pprovdut mill-baġit ta' Stat Membru***;	(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju.

Or. en

Emenda 239
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju***,*** ***b'mod partikolari meta jiġi pprovdut mill-baġit ta' Stat Membru***;	(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju;

Or. en

Emenda 240
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju***,*** ***b'mod partikolari meta jiġi pprovdut mill-baġit ta' Stat Membru***;	(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju;

Or. en

Emenda 241
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju***,*** ***b'mod partikolari meta jiġi pprovdut mill-baġit ta' Stat Membru***;	(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju;

Or. en

Emenda 242
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti ***d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	(d) li jiġu protetti ***d-depożiti koperti, u kemm jista' jkun anke dik il-parti skoperta ta' depożiti eliġibbli minn persuni fiżiċi u minn intrapriżi mikro żgħar u ta' daqs medju***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rigward l-objettivi tar-riżoluzzjoni, il-korporazzjonijiet akbar ma għandhomx jiġu trattati aħjar minn klijenti oħrajn, li l-fondi u l-assi tagħhom diġà qed jiġu protetti mill-punt (e) tal-Artikolu 31(2). Huwa għalhekk issuġġerit li l-objettiv tar-riżoluzzjoni jiġi ristrett għall-protezzjoni tad-depożitanti fil-livell tal-konsumatur kif definit fl-Artikolu 108 tal-BRRD attwali. Barra minn hekk, huwa importanti li jinżamm l-objettiv li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, li huwa essenzjali għall-iżgurar tal-limitazzjoni ta' appoġġ għall-aktar livell baxx possibbli u l-effiċjenza ekonomika tal-proċess ta' riżoluzzjoni.

Emenda 243
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta'***	(d) li jiġu protetti d-depożitanti u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva

garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	97/9/KE;;

Or. en

Emenda 244
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti,*** u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	(d) li jiġu protetti d-depożitanti u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Emenda 245
Joachim Schuster

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	(d) li jiġu protetti d-depożitanti ***koperti mid-Direttiva 2014/49/UE u*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Emenda 246
Esther de Lange

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	(d) li jiġu protetti d-depożitanti ***koperti mid-Direttiva 2014/49/UE u*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalkemm l-għan tal-protezzjoni tal-fondi tal-SGD huwa appoġġat, it-tnaqqis tat-telf għall-SGD ma għandux ikun għan ta' riżoluzzjoni fih innifsu u hemm dubji jekk din id-dispożizzjoni għandhiex l-effett maħsub. Billi tiġi inkluża l-protezzjoni tal-fondi tal-SGD, it-test tal-inqas kost se jsir wisq deċiżiv għall-eżitu tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku. Il-kost huwa għall-SGD u ma għandux ikun is-sors primarju ta' interess pubbliku fir-riżoluzzjoni ta' bank.

Emenda 247
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti,*** u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;***;***	(d) li jiġu protetti d-depożitanti ***koperti mid-Direttiva 2014/49/UE*** u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The draft amendment of Art. 31 (2) point (d) BRRD deletes the reference to the Deposit Guarantee Scheme Directive 2014/49/EU with the consequence that in future the protection of all deposits should be the objective of resolution. However, this is not necessary, as deposits not protected by the deposit guarantee scheme are also regularly given sufficient protection in insolvency proceedings. According to the explanatory memorandum in the legislative proposal, the insertion of "while minimizing losses" should have the consequence

that resolution is always a priority if insolvency would cause higher costs. Although it is welcome that the losses of deposit guarantee schemes are supposed to remain in control, the ultimate intention behind the insertion is rejected.

Emenda 248
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	(d) li jiġu protetti d-depożitanti ***koperti mid-Direttiva 2014/49/UE u*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni għandha tinkludi biss depożiti koperti biex jiġi evitat periklu morali.

Emenda 249
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) fl-Artikolu 31, jiżdied il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. Soġġetti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dan id-Direttiva, l-għanijiet tar-riżoluzzjoni huma ta' sinifikanza ugwali, u l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jibbilanċjawhom kif xieraq man-natura u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Għall-finijiet tal-Artikolu 32(5), l-objettivi tal-preżervazzjoni tal-istabbiltà

finanzjarja u l-protezzjoni tad-depożitanti skont il-punti (b) u (d) tal-paragrafu 2, rispettivament, għandhom jitqiesu aktar sinifikanti minn objettivi ta' riżoluzzjoni oħrajn.";

Or. en